II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/207

tal-20 ta' Jannar 2015

li jistabbilixxi regoli dettaljati li jimplimentaw ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-mudelli għar-rapport ta' progress, il-preżentazzjoni tal-informazzjoni dwar proġett maġġuri, il-pjan ta' azzjoni konġunta, ir-rapporti ta' implimentazzjoni għall-Investiment għall-għan tat-tkabbir u l-impjiegi, id-dikjarazzjoni ta' ġestjoni, l-istrateġija tal-awditjar, l-opinjoni tal-awditu u r-rapport ta' kontroll u l-metodoloġija għat-twettiq tal-analiżi tal-ispejjeż imqabbla mal-benefiċċji u skont ir-Regolament (UE) Nru 1299/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-mudell għar-rapporti tal-implimentazzjoni għall-għan ta' kooperazzjoni territorjali Ewropea

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru1083/2006 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 52(4), it-tieni u l-ħames paragrafi tal-Artikolu 101, it-tieni paragrafu tal-Artikolu 106, l-Artikoli 111(5), 125(10) u 127(6) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1299/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għall-appoġġ mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali għall-għan ta' kooperazzjoni territorjali Ewropea ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 14(5) tiegħu,

Wara li kkonsultat il-Kumitat ta' Koordinament għall-Fondi Ewropej Strutturali u ta' Investiment,

Billi:

(1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 288/2014 ([3]) jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet meħtieġa għat-tħejjija tal-programmi. Sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni ta' programmi ffinanzjati mill-Fondi Ewropej Strutturali u ta' Investiment (il-"Fondi ESI"), jeħtieġ li jiġu stabbiliti aktar dispożizzjonijiet għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013. Sabiex jiġu ffaċilitati l-perspettiva komprensiva u l-aċċess għad-dispożizzjonijiet, l-istess dispożizzjonijiet għandhom jiġu stabbiliti f'att ta' implimentazzjoni wieħed.

([1]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320.
([2]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 259.
([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 288/2014 tal-25 ta' Frar 2014 li jistabbilixxi regoli skont ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Ewropew Marittimu u tas-Sajd u li jistabbilixxi dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew Marittimu u tas-Sajd fir-rigward ta' mudell għal programmi operttivi skont l-għan ta' Investiment għat-tkabbir u l-impjiegi u skont ir-Regolament (UE) Nru 1299/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għall-appoġġ mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali għall-għan ta' kooperazzjoni territorjali Ewropea fir-rigward ta' mudell għall-programmi ta' kooperazzjoni skont il-mira ta' kooperazzjoni territorjali Ewropea (ĠU L 87, 22.3.2014, p. 1).

(2) Il-mudell għar-rapport ta' progress dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija għandu jistabbilixxi kundizzjonijiet uniformi għall-preżentazzjoni ta' informazzjoni meħtieġa f'kull parti tar-rapport ta' progress sabiex jiżgura li l-informazzjoni mogħtija fir-rapport ta' progress tkun konsistenti u komparabbli u, fejn meħtieġ, tkun tista' tiġi aggregata. Għal dan l-għan u waqt li jitqies li l-iskambji kollha ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom isiru b'mezzi elettroniċi ta' sistema stabbilita għal dak l-għan, il-mudell għandu wkoll jiddefinixxi l-karatteristiċi tekniċi ta' kull kaxxa, inkluż il-format tad-dejta, il-metodu tal-input u l-limiti tal-karattri tat-tastiera. Il-limiti tal-karattri proposti għall-kaxxi tat-test huma bbażati fuq il-ħtiġiet tal-aktar rapporti komprensivi.

(3) Sabiex jikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 1303/2013, il-mudell għar-rapport ta' progress huwa maqsum f'ħames partijiet. Il-Parti I tistabbilixxi l-informazzjoni u l-valutazzjoni meħtieġa għall-Fondi Ewropej Strutturali u ta' Investiment kollha. Il-Parti II tistabbilixxi l-informazzjoni u l-valutazzjoni meħtieġa fir-rapport ta' progress dwar l-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ. L-informazzjoni stabbilita fil-Partijiet III, IV u V tal-mudell tar-rapport ta' progress għandha tingħata mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), il-Fond Soċjali Ewropew (FSE) u l-Fond ta' Koeżjoni fejn, skont it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 111(4) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013, l-Istati Membri b'mhux aktar minn programm operattiv wieħed għal kull Fond għażlu li jinkludu l-informazzjoni meħtieġa fl-Artikolu 50(5) tal-istess Regolament u l-informazzjoni msemmija fil-punti (a), (b), (c) u (h) tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 111(4) ta' dak ir-Regolament fir-rapport ta' progress dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija minflok fir-rapporti annwali ta' implimentazzjoni ppreżentati fl-2017 u l-2019 kif ukoll fir-rapport ta' implimentazzjoni finali. Fejn din l-informazzjoni tkun diġà ngħatat fil-Parti I jew II tar-rapport ta' progress, ma għandhiex tiġi ripetuta fil-Parti III, IV jew V, minħabba li l-informazzjoni kollha għandha tiġi ppreżentata darba biss.

(4) Il-proġetti ewlenin jirrappreżentaw proporzjon sostanzjali tal-infiq tal-UE u huma ta' importanza strateġika għall-kisba tal-istrateġija tal-UE għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv. Biex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi huwa meħtieġ li jingħata format standard għall-preżentazzjoni tal-informazzjoni mitluba għall-approvazzjoni ta' proġetti kbar. L-informazzjoni speċifikata f'dan il-mudell għandha tipprovdi garanzija suffiċjenti li l-kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEŻR u l-Fond ta' Koeżjoni ma tirriżultax f'telf sostanzjali ta' impjiegi f'postijiet eżistenti fl-Unjoni.

(5) L-analiżi tal-kostijiet u l-benefiċċji, inkluża analiżi ekonomika, analiżi finanzjarja u valutazzjoni tar-riskju hija prerekwiżit għall-approvazzjoni ta' proġett maġġuri. Għandha tiġi żviluppata metodoloġija li biha ssir l-analiżi tal-kostijiet imqabbla mal-benefiċċji abbażi tal-aħjar prattiki rikonoxxuti u bil-ħsieb li tiġi żgurata l-konsistenza, il-kwalità u r-rigorożità, kemm fit-twettiq tal-analiżi kif ukoll fil-valutazzjoni tagħha mill-Kummissjoni jew minn esperti indipendenti. L-analiżi tal-kostijiet imqabbla mal-benefiċċji ta' proġetti maġġuri għandha turi li l-proġett huwa mixtieq mil-lat ekonomiku u li l-kontribuzzjoni mill-FEŻR u l-Fond ta' Koeżjoni hija meħtieġa biex il-proġett ikun vijabbli finanzjarjament.

(6) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tal-Artikolu 106 tar Regolament (UE) Nru 1303/2013 huwa meħtieġ li jiġi stabbilit format tal-mudell għall-pjan ta' azzjoni konġunta. Waqt li jitqies li l-iskambji kollha ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom isiru b'mezzi elettroniċi ta' sistema stabbilita għal dak l-għan, il-mudell għandu wkoll jiddefinixxi l-karatteristiċi tekniċi ta' kull kaxxa, inkluż il-format tad-dejta, il-metodu tal-input u l-limiti tal-karattri.

(7) Minħabba li r-rekwiżiti ta' rappurtar għall-mira ta' Investiment għat-tkabbir u l-impjiegi u għall-mira ta' kooperazzjoni territorjali Ewropea mhumiex identiċi, huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti żewġ mudelli għar-rapporti tal-implimentazzjoni, wieħed għall-programmi operattivi skont il-mira ta' Investiment għat-tkabbir u l-impjiegi u wieħed għall-programmi ta' kooperazzjoni skont l-għan ta' kooperazzjoni territorjali Ewropea. Madankollu għandu jiġi żgurat li fejn ir-rekwiżiti tar-rappurtar ikunu l-istess jew simili għaż-żewġ għanijiet, il-kontenut tal-mudelli jkun armonizzat kemm jista' jkun.

(8) Mudell għar-rapporti ta' implimentazzjoni annwali u finali għandu jistabbilixxi kundizzjonijiet uniformi għall-preżentazzjoni tal-informazzjoni meħtieġa f'kull parti tar-rapporti. Dan jiżgura li l-informazzjoni mogħtija tkun konsistenti u komparabbli, u tkun tista' tiġi aggregata fejn meħtieġ. Għal dan il-għan u waqt li jitqies li l-iskambji kollha ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom isiru b'mezzi elettroniċi ta' sistema stabbilita għal dak l-għan, il-mudell għandu wkoll jiddefinixxi l-karatteristiċi tekniċi ta' kull kaxxa, inkluż il-format tad-dejta, il-metodu tal-input u l-limiti tal-karattri. Il-limiti tal-karattri proposti għall-kaxxi tat-test huma bbażati fuq il-ħtiġiet tal-aktar rapporti komprensivi.

(9) Biex jikkonforma mar-rekwiżiti tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 għar-rapport annwali ta' implimentazzjoni taħt il-mira ta' Investiment għat-tkabbir u l-impjiegi, fejn għandhom jiġu rrappurtati tipi differenti ta' informazzjoni skont is-sena inkwistjoni, il-mudell huwa maqsum fi tliet partijiet sabiex jistabbilixxi b'mod ċar l-informazzjoni meħtieġa għar-rapport ta' kull sena. Il-Parti A tistabbilixxi l-informazzjoni meħtieġa kull sena mill-2016, il-Parti B tistabbilixxi l-informazzjoni addizzjonali li għandha tingħata f'rapporti ppreżentati fl-2017 u l-2019 u

fir-rapporti finali u l-Parti C tistabbilixxi l-informazzjoni li għandha tingħata fir-rapport ippreżentat fl-2019 u fir-rapport finali, flimkien mat-tagħrif stabbilit fil-Partijiet A u B. Skont it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 111(4) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013, l-Istati Membri b'mhux aktar minn programm operattiv wieħed għal kull Fond jistgħu jinkludu ċerta informazzjoni fir-rapport ta' progress minflok ir-rapporti ta' implimentazzjoni annwali ppreżentati fl-2017 u l-2019 u r-rapport ta' implimentazzjoni finali. Huwa neċessarju li tiġi identifikata din l-informazzjoni fil-mudell sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi ta' dawn id-dispożizzjonijiet.

(10) Skont l-Artikolu 50(9) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013, għandu jkun disponibbli għall-pubbliku sommarju għaċ-ċittadini tal-kontenut tar-rapporti annwali u ta' implimentazzjoni finali. Għandu jittella' bħala fajl separat fil-forma ta' Anness għar-rapporti annwali u ta' implimentazzjoni finali. Ma huwa previst ebda mudell speċifiku għas-sommarju taċ-ċittadin, u b'hekk l-Istati Membri jistgħu jużaw l-istruttura u l-ifformattjar li jqisu l-aktar xieraq.

(11) Huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti kundizzjonijiet uniformi għall-kontenut tad-dikjarazzjoni ta' ġestjoni fil-forma ta' mudell standard biex jiġu armonizzati l-istandards għat-tħejjija u l-preżentazzjoni tagħha li għaliha hija responsabbli awtorità ta' ġestjoni skont il-punt (e) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 125(4) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013.

(12) Għandu jingħata mudell li jistabbilixxi kundizzjonijiet uniformi għall-istruttura, u li jispeċifika n-natura u l-kwalità tal-informazzjoni li għandha tintuża fit-tħejjija biex jiġu armonizzati l-istandards għat-tħejjija u l-preżentazzjoni tal-istrateġija tal-awditjar, l-opinjoni tal-rapporti tal-awditjar u r-rapport ta' kontroll li għalihom hija responsabbli l-awtorità ta' awditu skont l-Artikolu 127(4) u l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 127(5) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013.

(13) Sabiex tkun tista' ssir applikazzjoni fil-pront tal-miżuri previsti f'dan ir-Regolament, dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Mudell għar-rapport ta' progress

Ir-rapport ta' progress dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija msemmi fl-Artikolu 52(1) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 jitfassal skont il-mudell indikat fl-Anness I għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Format għall-preżentazzjoni tal-informazzjoni dwar proġett maġġuri

L-informazzjoni meħtieġa għall-approvazzjoni ta' proġett maġġuri, kif imsemmi fil-punti minn (a) sa (i) tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 101 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tiġi ppreżentata skont il-format stabbilit fl-Anness II għal dan ir-Regolament.

Artikolu 3

Il-metodoloġija għat-twettiq tal-analiżi tal-kostijiet imqabbla mal-benefiċċji

L-analiżi tal-kostijiet imqabbla mal-benefiċċji msemmija fil-punt (e) tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 101 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 titwettaq skont il-metodoloġija stabbilita fl-Anness III għal dan ir-Regolament.

Artikolu 4

Il-format tal-mudell għall-pjan ta' azzjoni konġunta

Il-kontenut tal-pjan ta' azzjoni konġunta msemmi fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 106 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 jiġi ddeterminat skont il-mudell stabbilit fl-Anness IV għal dan ir-Regolament.

Artikolu 5

Mudell għar-rapporti ta' implimentazzjoni għall-mira ta' Investiment għat-tkabbir u l-impjiegi

Ir-rapporti ta' implimentazzjoni finali għall-mira ta' Investiment għat-tkabbir u l-impjiegi, kif msemmija fl-Artikolu 111 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 jitfassal skont il-mudell indikat fl-Anness V għal dan ir-Regolament.

Artikolu 6

Mudell għad-dikjarazzjoni tal-ġestjoni

Id-dikjarazzjoni ta' ġestjoni msemmija fil-punt (e) tal-ewwel subaragrafu tal-Artikolu 125(4) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tiġi ppreżentata għal kull programm operattiv skont il-mudell stabbilit fl-Anness VI għal dan ir-Regolament.

Artikolu 7

Mudelli għall-istrateġija tal-awditjar, l-opinjoni tal-awditjar u r-rapport annwali ta' kontroll

1. L-istrateġija tal-awditjar li tissemma fl-Artikolu 127(4) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tiġi stabbilita skont il-mudell indikat fl-Anness VII għal dan ir-Regolament.

2. L-opinjoni tal-awitjar imsemmija fil-punt (a) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 127(5) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 titfassal skont il-mudell stabbilit fl-Anness VIII għal dan ir-Regolament.

3. Ir-rapport annwali ta' kontroll imsemmi fil-punt (b) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 127(5) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 jitfassal skont il-mudell stabbilit fl-Anness IX għal dan ir-Regolament.

Artikolu 8

Mudell għar-rapporti ta' implimentazzjoni għall-għan ta' kooperazzjoni territorjali Ewropea

Ir-rapporti annwali u ta' implimentazzjoni finali għall-għan ta' kooperazzjoni territorjali Ewropea, kif imsemmija fl-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) Nru 1299/2013 jitfasslu skont il-mudell indikat fl-Anness X għal dan ir-Regolament.

Artikolu 9

Id-dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' Jannar 2015.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Jean-Claude JUNCKER

ANNESS I

MUDELL GĦAR-RAPPORT TA' PROGRESS

PARTI I

L-informazzjoni u l-valutazzjoni mitluba għall-Fondi Ewropej Strutturali u ta' Investiment (Fondi ESI) kollha

1. **It-tibdil fil-ħtiġijiet tal-iżvilupp fl-Istat Membru mill-adozzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija (L-Artikolu 52(2)(a) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill** ([1]))

a) Deskrizzjoni ġenerali u valutazzjoni tat-tibdil fil-ħtiġijiet tal-iżvilupp, inkluża deskrizzjoni tat-tibdil fil-ħtiġijiet tal-iżvilupp identifikati fir-rakkomandazzjonijiet rilevanti l-ġodda speċifiċi għall-pajjiż adottati b'konformità mal-Artikoli 121(2) u 148(4) tat-Trattat.

b) Elementi oħrajn, fejn rilevanti.

<tip='S' tul massimu=24500 input='M'> ([2])

2. **Il-progress biex tinkiseb l-istrateġija tal-Unjoni għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv, kif ukoll tal-missjonijiet speċifiċi tal-Fond permezz tal-kontribuzzjoni tal-Fondi ESI għall-objettivi tematiċi magħżula, u partikolarment fir-rigward tal-għanijiet stabbiliti fil-qafas tal-prestazzjoni għal kull programm, u għas-sostenn użat għall-objettivi marbutin mat-tibdil fil-klima (l-Artikolu 52(2)(b) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013)**

(a) Deskrizzjoni u valutazzjoni tal-progress li sar biex jinkisbu l-miri ([3]) nazzjonali ta' Ewropa 2020 u tal-kontribut tal-Fondi ESI għal dak l-iskop, b'referenza għall-għanijiet stabbiliti fil-qafas tal-prestazzjoni, u għas-sostenn użat għall-objettivi marbutin mat-tibdil fil-klima, fejn xieraq.

(b) Deskrizzjoni u valutazzjoni, b'referenza għall-għanijiet stabbiliti fil-qafas tal-prestazzjoni u s-sostenn użat għall-objettivi marbutin mat-tibdil fil-klima, fejn xieraq, dwar kif il-Fondi ESI kkontribwew biex jitwettqu l-għanijiet tematiċi, u tal-progress li sar biex jintlaħqu r-riżultati ewlenin mistennija għal kull wieħed mill-għanijiet tematiċi kif stabbilit fil-Ftehim ta' Sħubija, inkluż fejn xieraq, deskrizzjoni tal-kontribut tal-Fondi ESI biex tinkiseb il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, b'referenza għall-għanijiet stabbiliti fil-qafas tal-prestazzjoni għal kull programm.

(c) Fejn ikun applikabbli, deskrizzjoni tal-kontribut tal-ESI għar-rakkomandazzjonijiet rilevanti l-ġodda speċifiċi għall-pajjiż.

(d) Fejn ikun applikabbli, deskrizzjoni ta' kif it-tibdil fil-ħtiġijiet tal-iżvilupp ġie indirizzat mill-Fondi ESI.

(e) Għar-rapport tal-2019 biss: analiżi fil-qosor tad-dejta fit-Tabella 2 inkluża valutazzjoni tar-raġunijiet għalfejn ma nkisbux il-miri u l-miżuri li se jittieħdu sabiex jiġu indirizzati.

([1]) Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006, ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320.

([2]) Didaskalija għall-karatteristiċi tas-sezzjonijiet:
tip: N = Numru, D = Data, S = Sensiela, C = Kaxxa fejn timmarka, P = Perċentwal
input: M = Manwali, S = Selezzjoni, G = Iġġenerat mis-sistema
tul massimu = Numru massimu ta' karattri li jinkludi l-ispazji

([3]) Għall-FAEŻR, id-deskrizzjoni u l-valutazzjoni jsiru favur il-miri stabbiliti bi prijorità mill-Unjoni, billi l-kontribut għall-istrateġija Ewropa 2020 huwa strutturat madwar sitt prijoritajiet tal-Unjoni

(f) Elementi oħrajn, fejn rilevanti.

<tip='S' tul massimu=52500 input='M'>

Tabella 1

Sostenn użat għall-objettivi marbutin mat-tibdil fil-klima

Fond	A. Sostenn użat għall-objettivi marbutin mat-tibdil fil-klima fil-Ftehim ta' Sħubija	B. Sostenn użat għall-objettivi marbutin mat-tibdil fil-klima (1)	Perċentwal ta' sostenn użat imqabbel mal-Ftehim ta' Sħubija (% B/A)
FEŻR	*<tip='N' input='M'>*	*<tip='N' input='M'>*	*<tip='P' input='G'>*
Fond ta' Koeżjoni	*<tip='N' input='M'>*	*<tip='N' input='M'>*	*<tip='P' input='G'>*
FSE (2)	*<tip='N' input='M'>*	*<tip='N' input='M'>*	*<tip='P' input='G'>*
FAEŻR	*<tip='N' input='M'>*	*<tip='N' input='M'>*	*<tip='P' input='G'>*
FEMS	*<tip='N' input='M'>*	*<tip='N' input='M'>*	*<tip='P' input='G'>*
TOTAL	*<tip='N' input='M'>*	*<tip='N' input='M'>*	*<tip='P' input='G'>*

(1) Kumulattiv, f'EUR, ibbażat fuq in-nefqa eliġibbli ddikjarata lill-Kummissjoni bid-data ta' skadenza tal-31 ta' Diċembru tassena preċedenti.
(2) Dan jinkludi wkoll riżorsi tal-YEI (allokazzjoni speċifika YEI u l-appoġġ tal-FSE korrispondenti).

Tabella 2

Għar-rapport tal-2019 biss — Il-ksib ta' miri importanti abbażi tal-valutazzjoni tal-Istat Membru

Programm	Prijorità	Fond (1)	Kategorija (2) ta' reġjun	Objettiv (2) tematiku	Ksib tal-miri importanti (iva/le)	Appoġġ mill-Unjoni
<tip='S' input='G'>	*<tip='S' input='G'>*	*<tip='S' input='G'>*	*<tip='S' input='G'>*	*<tip='S' input='G'>*	*<tip='C' input='M'>*	*<tip='N' input='M'>*

(1) Għall-finijiet ta' din it-tabella, il-YEI (allokazzjoni speċifika u l-għajnuna korrispondenti tal-FSE) hija kkunsidrata bħala fond.
(2) Mhux applikabbli għall-FAEŻR u FEMS.

3. **Għar-rapport tal-2017 biss — Azzjonijiet li ttieħdu sabiex jiġu ssodisfati l-kundizzjonalitajiet *ex ante* stabbiliti fil-Ftehim ta' Sħubija (l-Artikolu 52(2)(c) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013**

Fejn xieraq, informazzjoni ġenerali u valutazzjoni dwar jekk l-azzjonijiet li ttieħdu sabiex jiġu ssodisfati l-kundizzjonalitajiet *ex ante* applikabbli stabbiliti fil-Ftehim ta' Sħubija li ma ġewx issodisfati fid-data tal-adozzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija ġewx implimentati b'konformità mal-iskeda ta' żmien stabbilita.

<tip='S' tul massimu=10500 input='M'>

Kundizzjonalitajiet *ex ante* ġenerali applikabbli li kienu kompletament mhux issodisfati jew parzjalment issodisfati	Kriterji mhux issodisfati	Azzjoni li ttieħdet	Data ta' skadenza (data)	Korpi responsabbli għall-issodisfar	Azzjoni lesta sad-data tal-iskadenza (I/L)	Kriterji ssodisfati (I/L)	Data mistennija għall-implimentazzjoni sħiħa tal-azzjonijiet li fadal, jekk applikabbli	Kummentarju (għal kull azzjoni)
<tip='S' tul massimu=500 input='G'>	*<tip='S' tul massimu=500 input='G'>*	*<tip='S' tul massimu=1000 input='G'>*	*<tip='D' input='G'>*	*<tip='S' tul massimu=500 input='G'>*	*<tip='C' input='M'>*	*<tip='C' input='M'>*	*<tip='C' input='M'>*	*<tip='S' tul massimu=2000 input='M'>*
		Azzjoni 1						
		Azzjoni 2						

Kundizzjonalitajiet *ex ante* tematiċi applikabbli li kienu kompletament mhux issodisfati jew parzjalment issodisfati	Kriterji mhux issodisfati	Azzjoni li ttieħdet	Data ta' skadenza (data)	Korpi responsabbli għall-issodisfar	Azzjoni lesta sad-data tal-iskadenza (I/L)	Kriterji ssodisfati (I/L)	Data mistennija għall-implimentazzjoni sħiħa tal-azzjonijiet li fadal, jekk applikabbli	Kummentarju (għal kull azzjoni)
<tip='S' tul massimu=500 input='G'>	*<tip='S' tul massimu=500 input='G'>*	*<tip='S' tul massimu=1000 input='G'>*	*<tip='D' input='G'>*	*<tip='S' tul massimu=500 input='G'>*	*<tip='C' input='M'>*	*<tip='C' input='M'>*	*<tip='C' input='M'>*	*<tip='S' tul massimu=2000 input='M'>*
		Azzjoni 1						
		Azzjoni 2						

4. **Implimentazzjoni ta' mekkaniżmi sabiex tiġi żgurata l-koordinazzjoni bejn il-Fondi ESI u strumenti ta' finanzjament oħrajn tal-Unjoni u nazzjonali u mal-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI) (l-Artikolu 52(2)(d) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013)**

<tip='S' tul massimu=14000 input='M'>

(a) Valutazzjoni tal-implimentazzjoni tal-mekkaniżmi ta' koordinazzjoni stabbiliti fil-Ftehim ta' Sħubija u, jekk applikabbli, tal-problemi kollha li tfaċċaw fl-implimentazzjoni tagħhom.

(b) Fejn applikabbli, deskrizzjoni tal-mekkaniżmi ta' koordinazzjoni aġġustati u ġodda.

(c) Elementi oħrajn, fejn rilevanti.

5. **Implimentazzjoni tal-approċċ integrat għall-iżvilupp territorjali, jew sommarju tal-implimentazzjoni tal-approċċi integrati li huma bbażati fuq il-programmi, inkluż il-progress biex jinkisbu oqsma prijoritarji stabbiliti għall-kooperazzjoni (l-Artikolu 52(2)(e) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013)**

a) Kummentarju ġenerali u valutazzjoni.

<tip='S' tul massimu=14000 input='M'>

b) Fir-rigward tal-Artikolu 15(2)(a)(i) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 — Ħarsa ġenerali lejn l-implimentazzjoni tal-iżvilupp lokali mmexxi mill-Komunità.

<tip='S' tul massimu=7000 input='M'>

c) Fir-rigward tal-Artikolu 15(2)(a)(i) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 — Ħarsa ġenerali lejn l-implimentazzjoni ta' investimenti territorjali integrati, fejn xieraq.

<tip='S' tul massimu=7000 input='M'>

d) Fir-rigward tal-Artikolu 15(2)(a)(ii) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013, fejn xieraq, ħarsa ġenerali lejn l-implimentazzjoni ta' strateġiji makroreġjonali u strateġiji tal-baċini tal-baħar.

<tip='S' tul massimu=7000 input='M'>

e) Fir-rigward tal-Artikolu 15(2)(a)(iii) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013, fejn xieraq, ħarsa ġenerali lejn l-implimentazzjoni tal-approċċ integrat sabiex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet ta' żona ġeografika l-aktar milquta mill-faqar jew ta' gruppi fil-mira bl-ogħla riskju ta' diskriminazzjoni jew esklużjoni soċjali:

— Deskrizzjoni tal-azzjonijiet li ttieħdu sabiex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet speċifiċi ta' żoni ġeografiċi l-aktar milquta mill-faqar jew ta' gruppi fil-mira bl-ogħla riskju ta' diskriminazzjoni jew esklużjoni soċjali.

— Deskrizzjoni tar-riżultati miksuba fl-indirizzar tal-ħtiġijiet ta' dawn iż-żoni ġeografiċi/gruppi fil-mira.

<tip='S' tul massimu=7000 input='M'>

f) Fir-rigward tal-Artikolu 15(2)(a)(iv) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013, fejn xieraq, ħarsa ġenerali lejn l-implimentazzjoni sabiex jiġu indirizzati sfidi demografiċi f'żoni li jbatu minn żvantaġġi naturali jew demografiċi serji u permanenti.

<tip='S' tul massimu=7000 input='M'>

6. **Fejn xieraq, azzjonijiet li ttieħdu għar-rinfurzar tal-kapaċità tal-awtoritajiet tal-Istat Membru u tal-benefiċjarji li jamministraw u jużaw il-Fondi ESI (l-Artikolu 52(2)(f) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013)**

<tip='S' tul massimu=14000 input='M'>

7. **Azzjonijiet li ttieħdu u l-progress miksub favur tnaqqis tal-piż amministrattiv għall-benefiċjarji (l-Artikolu 52(2)(g) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013)**

<tip='S' tul massimu=14000 input='M'>

8. **Ir-rwol tas-sħab imsemmija fl-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 fl-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija (l-Artikolu 52(2)(h) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013)**

a) Deskrizzjoni u valutazzjoni tar-rwol tas-sħab magħżula fit-tħejjija tar-rapport ta' progress, b'referenza għall-Ftehim ta' Sħubija.

b) Deskrizzjoni u valutazzjoni tal-involviment tas-sħab magħżula fl-implimentazzjoni tal-programmi, inkluża l-parteċipazzjoni fil-kumitati tal-monitoraġġ tal-programmi.

c) Elementi oħrajn, fejn rilevanti.

<tip='S' tul massimu=21000 input='M'>

9. **Sommarju tal-azzjonijiet li ttieħdu fir-rigward tal-applikazzjoni tal-prinċipji orizzontali u tal-objettivi ta' politika għall-implimentazzjoni tal-Fondi ESI (l-Artikolu 52(2)(i) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013)**

(a) Sommarju tal-azzjonijiet li ttieħdu fir-rigward tal-applikazzjoni ta' prinċipji orizzontali sabiex ikunu żgurati l-promozzjoni u l-monitoraġġ ta' dawn il-prinċipji fit-tipi differenti ta' programm, b'referenza għall-kontenut tal-Ftehim ta' Sħubija:

(1) l-ugwaljanza bejn is-sessi, in-nondiskriminazzjoni, l-aċċessibilità għal persuni b'diżabilità;

(2) l-iżvilupp sostenibbli (il-ħarsien ambjentali, l-effiċjenza fl-użu tar-riżorsi, il-mitigazzjoni u l-adattament tat-tibdil fil-klima, il-bijodiversità u l-prevemzjoni tar-riskju).

(b) Sommarju tal-arranġamenti implimentati sabiex tkun żgurata l-integrazzjoni tal-objettivi ta' politika orizzontali, b'referenza għall-kontenut tal-Ftehim ta' Sħubija.

(c) Elementi oħrajn, fejn rilevanti.

<tip='S' tul massimu=14000 input='M'>

PARTI II

Informazzjoni u valutazzjoni dwar l-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ (għall-finijiet tal-Artikolu 19(5) tar-Regolament (UE) Nru 1304/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [1])

10. **Implimentazzjoni tal-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ (YEI) (l-Artikolu 19(5) tar-Regolament (UE) Nru 1304/2013)**

(a) Deskrizzjoni ġenerali tal-implimentazzjoni tal-YEI, inkluż kif il-YEI kkontribwiet għall-implimentazzjoni tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ u inklużi wkoll eżempji konkreti ta' interventi appoġġjati fil-qafas tal-YEI.

(b) Deskrizzjoni ta' kwalunkwe problemi iffaċċjati fl-implimentazzjoni tal-YEI u l-miżuri li ttieħdu biex jingħelbu dawn il-problemi.

(c) Valutazzjoni tal-implimentazzjoni tal-YEI fir-rigward tal-objettivi u l-miri stabbiliti u tal-kontribut sabiex tkun implimentata l-Garanzija għaż-Żgħażagħ.

<tip='S' tul massimu=14000 input='M'>

PARTI III

Informazzjoni u valutazzjoni li għandhom jiġu pprovduti għall-politika ta' koeżjoni jekk isir użu mill-għażla prevista fl-Artikolu 111(4) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 li jiġu inklużi ċerti elementi tar-rapporti ta' implimentazzjoni annwali fir-rapport ta' progress — għandhom jiġu pprovduti fl-2017 u fl-2019

11. **Informazzjoni u valutazzjoni addizzjonali li jistgħu jiżdiedu skont il-kontenut u l-objettivi tal-programm operazzjonali (l-Artikolu 111(4) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013, inklużi fejn ikun meħtieġ sabiex jikkumplimentaw it-taqsimiet l-oħrajn tar-rapport ta' progress)**

11.1 Progress fl-implimentazzjoni tal-approċċ integrat għall-iżvilupp territorjali, inkluż l-iżvilupp ta' reġjuni li qed jiffaċċjaw sfidi demografiċi u żvantaġġi permanenti jew naturali, l-iżvilupp urban sostenibbli, u l-iżvilupp lokali mmexxi mill-komunità taħt il-programm operazzjonali.

<tip='S' tul massimu=3500 input='M'>

[1] Ir-Regolament (UE) Nru 1304/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-Fond Soċjali Ewropew u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1081/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 470). Din il-parti biss għandha timtela mill-Istati Membri ma' reġjuni YEI eliġibbli skont l-Artikolu 16 ta' dan ir-Regolament.

11.2 Progress fl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet għar-rinfurzar tal-kapaċità tal-awtoritajiet tal-Istat Membru u tal-benefiċjarji li jamministraw u jużaw il-Fondi.

<tip='S' tul massimu=3500 input='M'>

11.3 Progress fl-implimentazzjoni ta' kwalunkwe azzjoni interreġjonali u transnazzjonali.

<tip='S' tul massimu=3500 input='M'>

11.4 Progress fl-implimentazzjoni ta' miżuri sabiex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet speċifiċi ta' żoni ġeografiċi l-aktar milquta mill-faqar jew gruppi fil-mira bl-ogħla riskju ta' faqar, diskriminazzjoni jew esklużjoni soċjali, b'attenzjoni speċjali lil komunitajiet emarġinati u persuni b'diżabilità, persuni li ilhom qiegħda u żgħażagħ li ma jkollhomx impjieg inklużi, fejn xieraq, ir-riżorsi finanzjarji użati.

<tip='S' tul massimu=3500 input='M'>

PARTI IV

Informazzjoni u valutazzjoni dwar l-implimentazzjoni tal-YEI f'każ li jsir użu mill-għażla prevista fl-Artikolu 111(4) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 — għandhom jiġu pprovduti fl-2019 [1]

12. **Implimentazzjoni tal-YEI (l-Artikolu 19(4) tar-Regolament (UE) Nru 1304/2013)**

a) Deskrizzjoni tar-riżultati ewlenin tal-evalwazzjoni msemmija fl-Artikolu 19(6) tar-Regolament (UE) 1304/2013 li tivvaluta l-effettività, l-effiċjenza u l-impatt tas-sostenn konġunt mill-FSE u mill-allokazzjoni speċifika lill-YEI, inkluż għall-implimentazzjoni tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ.

b) Deskrizzjoni u valutazzjoni tal-kwalità ta' offerti ta' impjieg li rċevew il-parteċipanti tal-YEI, inklużi dawk żvantaġġati, dawk li ġejjin minn komunitajiet emarġinati u dawk li jitilqu mill-iskola mingħajr kwalifiki.

c) Deskrizzjoni u valutazzjoni tal-progress tal-parteċipanti tal-YEI meta jkomplu l-edukazzjoni, isibu impjiegi sostenibbli u diċenti jew jidħlu f'apprendistati jew skemi ta' taħriġ ta' kwalità.

<tip='S' tul massimu=14000 input='M'>

PARTI V

Informazzjoni u valutazzjoni li għandhom jiġu pprovduti għall-politika ta' koeżjoni jekk isir użu mill-għażla prevista fl-Artikolu 111(4) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 (inkluż fejn ikun meħtieġ sabiex tikkumplimenta t-taqsimiet l-oħra tar-rapport ta' progress) — għandhom jiġu pprovduti fl-2019

13. **Kontribut tal-programm għat-twettiq tal-istrateġija tal-Unjoni għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv (l-Artikolu 50(5) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013)**

Informazzjoni dwar il-kontribut tal-programm għall-kisba tal-istrateġija tal-Unjoni għal tkabbir intelliġenti, sostenibli u inklużiv, u valutazzjoni tiegħu.

<tip='S' tul massimu=17500 input='M'>

[1] Din il-parti biss għandha timtela mill-Istati Membri ma' YEI reġjuni eliġibbli skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1304/2013.

ANNESS II

Format għall-preżentazzjoni tal-informazzjoni dwar proġett maġġuri

PROĠETT MAĠĠURI

FOND EWROPEW GĦALL-IŻVILUPP REĠJONALI / FOND TA' KOEŻJONI

INVESTIMENT INFRASTRUTTURALI/PRODUTTIV

Titlu tal-Proġett	*<tip='S' tul massimu=255 input='M'>*
CCI	*<tip='S' tul massimu=15 input='S'>*

A. IL-KORP RESPONSABBLI GĦALL-IMPLIMENTAZZJONI TAL-PROĠETT MAĠĠURI, U L-KAPAĊITÀ TIEGĦU

A.1. **L-awtorità responsabbli għall-applikazzjoni tal-proġett (l-awtorità tal-ġestjoni jew korp intermedju)**

A.1.1	*Isem:*	*<tip='S' tul massimu='200' input='M'>* (1)
A.1.2	*Indirizz:*	*<tip='S' tul massimu='400' input='M'>*
A.1.3	*L-isem tal-persuna ta' kuntatt*	*<tip='S' tul massimu='200' input='M'>*
A.1.4	*Kariga tal-persuna ta' kuntatt*	*<tip='S' tul massimu='200' input='M'>*
A.1.5	*Telefown:*	*<tip='N' input='M'>*
A.1.6	*Posta elettronika:*	*<tip='S' tul massimu='100' input='M'>*

(1) Didaskalija għall-karatteristiċi tas-sezzjonijiet:
tip: N = Numru, D = Data, S = Sensiela, C = Kaxxa fejn timmarka, P = Perċentwal
input: M = Manwali, S = Għażla, G = Iġġenerat mis-sistema
tul massimu = Numru massimu ta' karattri li jinkludi l-ispazji

A.2. **Korp/i** (1) **responsabbli mill-implimentazzjoni tal-proġett (benefiċjarju/i** (2)**)**

A.2.1	*Isem:*	*<tip='S' tul massimu='200' input='M'>*
A.2.2	*Indirizz:*	*<tip='S' tul massimu='400' input='M'>*
A.2.3	*L-isem tal-persuna ta' kuntatt*	*<tip='S' tul massimu='200' input='M'>*
A.2.4	*Kariga tal-persuna ta' kuntatt*	*<tip='S' tul massimu='200' input='M'>*
A.2.5	*Telefown:*	*<tip='N' input='M'>*
A.2.6	*Posta elettronika:*	*<tip='S' tul massimu='100' input='M'>*

A.3. **Dettalji tal-impriża (*għandha timtela għal investimenti produttivi biss)***

A.3.1 *L-isem tal-intrapriża:*

< tip='S' tul massimu='200' input='M'>

A.3.2 *L-impriża hija SME* (3)*? <tip='C' input=M>*

Iva ☐ Le ☐

A.3.3 *Fatturat (valur f'miljuni EUR u s-sena):*

A.3.3.1 Valur f'miljuni EUR *<tip='N' input='M'>*

A.3.3.2 Sena *<tip='N' input='M'>*

(1) Jekk aktar minn korp wieħed huwa responsabbli għall-implimentazzjoni, inkludi informazzjoni dwar il-benefiċjarju ewlieni (oħrajn ser jissemmew f'punt A.5).
(2) F'każ ta' proġett PPP fejn sieħeb privat jintgħażel wara l-approvazzjoni tal-operazzjoni sabiex ikun il-benefiċjarju b'konformità mal-Artikolu 63(2) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013, din it-taqsima għandu jkun fiha informazzjoni dwar il-korp tal-liġi pubblika li jagħti bidu għall-operazzjoni (jiġifieri l-awtorità kontraenti).
(3) Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE (ĠU L 124, 20.5.2003, p. 36).

A.3.4 *Numru totali ta' persuni impjegati (valur u s-sena):*

A.3.4.1 Numru ta' persuni impjegati *<tip='N' input='M'>*

A.3.4.2 Sena *<tip='N' input='M'>*

A.3.5 *Struttura tal-grupp:*

25 % jew aktar tal-kapital jew tad-drittijiet għal vot tal-intrapriża huma proprjetà ta' intrapriża waħda jew ta' grupp ta' intrapriżi li jaqgħu barra mid-definizzjoni ta' SME? *<tip='C' input='M'>*

Iva ☐ Le ☐

Indika l-isem u ddeskrivi l-istruttura tal-grupp.

< tip='S' tul massimu='1750' input='M'>

A.4. **Il-kapaċità tal-korp responsabbli mill-implimentazzjoni tal-proġett billi ssir referenza għall-kapaċità teknika, legali, finanzjarja u amministrattiva tiegħu** ([1])

A.4.1 *Kapaċità teknika (jekk jogħġbok, bħala minimu agħti ħarsa ġenerali lejn l-għarfien espert meħtieġ għall-implimentazzjoni tal-proġett u indika n-numru ta' membri tal-persunal b'tali għarfien espert disponibbli fl-organizzazzjoni u allokati għall-proġett)*

< tip='S' tul massimu='1750' input='M'>

A.4.2 *Kapaċità legali (bħala minimu ta' informazzjoni, indika l-istat legali tal-benefiċjarju li se jitħalla jimplimenta l-proġett, u l-kapaċità tiegħu li jieħu azzjoni legali, jekk ikun meħtieġ).*

< tip='S' tul massimu='1750' input='M'>

A.4.3 *Kapaċità finanzjarja (bħala minimu, jekk jogħġbok, ikkonferma l-qagħda finanzjarja tal-korp responsabbli mill-implimentazzjoni tal-proġett sabiex turi li huwa kapaċi jiggarantixxi l-likwidità għal finanzjament adegwat tal-proġett sabiex ikunu żgurati l-implimentazzjoni b'suċċess u l-operat tiegħu fil-futur flimkien mal-attivitajiet l-oħra tal-korp)*

< tip='S' tul massimu='1750' input='M'>

A.4.4 *Kapaċità amministrattiva (bħala minimu ta' informazzjoni, jekk jogħġbok, indika l-proġetti ffinanzjati mill-UE u/jew proġetti komparabbli mwettqa fl-aħħar għaxar snin u, fl-assenza ta' tali eżempji, indika jekk ġewx ikkunsidrati ħtiġijiet ta' assistenza teknika; jekk jogħġbok, irreferi għal arranġamenti istituzzjonali bħalma hija l-eżistenza ta' Unità ta' Implimentazzjoni tal-Proġett (UIP) kapaċi li timplimenta u topera l-proġett u, jekk possibbli, inkludi l-iskeda organizzazzjonali proposta għall-implimentazzjoni u l-operat tal-proġett).*

< tip='S' tul massimu='1750' input='M'>

A.5 **Aġħti informazzjoni dwar l-arranġamenti istituzzjonali rilevanti kollha ma' partijiet terzi għall-implimentazzjoni tal-proġett u għall-operat b'suċċess tal-faċilitajiet li jirriżultaw li ġew ippjanati u possibbilment konklużi**

< tip='S' tul massimu='1750' input='M'>

([1]) F'każ ta' proġett PPP, u jekk is-sieħeb privat għadu ma ntgħażilx, din it-taqsima għandu jkun fiha l-kriterji minimi ta' kwalifika biex tinżamm għall-prekwalifikazzjoni fl-offerta u l-ġustifikazzjoni għal dawn il-kriterji. L-applikazzjoni tkun tiddeskrivi wkoll l-arranġamenti kollha li qed jiġu attwati għat-tħejjija, is-sorveljanza u l-amministrazzjoni tal-proġett PPP.

A.5.1 *Aġħti dettalji ta' kif l-infrastruttura se tkun ġestita wara li jitlesta l-proġett (jiġifieri isem l-operatur; il-metodi tal-għażla — ġestjoni pubblika jew konċessjoni; it-tip ta' kuntratt, eċċ.).*

< tip='S' tul massimu='1750' input='M'>

B. DESKRIZZJONI TAL-INVESTIMENT U L-POST; SPJEGAZZJONI DWAR KIF INHU KONSISTENTI MAL-ASSI PRIJORITARJI RILEVANTI TAL-PROGRAMM(I) OPERAZZJONALI KKONĊERNAT(I), U L-KONTRIBUT LI MISTENNI JAGĦTI GĦALL-KISBA TAL-OBJETTIVI SPEĊIFIĊI TA' DAWN L-ASSI PRIJORITARJI U L-KONTRIBUT MISTENNI GĦALL-IŻVILUPP SOĊJOEKONOMIKU

B.1 **Programm(i) operazzjonali u assi prijoritarji**

CCI tal-PO	Assi prijoritarju tal-PO
PO1<tip='S' input='S'>	*Assi ta' prijorità ta' PO 1<tip='S' input='S'>*
PO1<tip='S' input='S'>	*Assi ta' prijorità ta' PO 1<tip='S' input='S'>*
PO2<tip='S' input='S'>	*Assi ta' prijorità ta' PO 2<tip='S' input='S'>*
PO2<tip='S' input='S'>	*Assi prijoritarju ta' PO 2<tip='S' input='S'>*

B.1.1 *Il-proġett jinsab fil-lista ta' proġetti maġġuri fil-programm(i) operazzjonali?* [1] *<tip='C' input='M'>*

Iva ☐ Le ☐

B.2. **Kategorizzazzjoni tal-attività tal-proġett** [2]

	Kodiċi	Ammont	Perċentwal
B.2.1. Kodiċi(jiet) għad-dimensjoni(jiet) tal-qasam tal-intervent (Għandu jintuża iktar minn wieħed fejn, abbażi ta' kalkolu *pro rata*, diversi oqsma tal-intervent huma rilevanti)	*<tip='N' input='S'>*	*<tip='N' input='M'>*	*<tip='P' input='G'>*
	<tip='N' input='S'>	*<tip='N' input='M'>*	*<tip='P' input='G'>*
	<tip='N' input='S'>	*<tip='N' input='M'>*	*<tip='P' input='G'>*
	<tip='N' input='S'>	*<tip='N' input='M'>*	*<tip='P' input='G'>*
	<tip='N' input='S'>	*<tip='N' input='M'>*	*<tip='P' input='G'>*
B.2.2. Kodiċi għall-forma tad-dimensjoni tal-finanzi (F'xi każi jista' jkun rilevanti iktar minn wieħed — għandhom jiġu pprovduti l-ishma *pro rata*)	*<tip='N' input='S'>*	*<tip='N' input='M'>*	*<tip='P' input='G'>*
	<tip='N' input='S'>	*<tip='N' input='M'>*	*<tip='P' input='G'>*
B.2.3. Kodiċi għad-dimensjoni territorjali (F'xi każi jista' jkun rilevanti iktar minn wieħed — għandhom jiġu pprovduti l-ishma *pro rata*)	*<tip='N' input='S'>*	*<tip='N' input='M'>*	*<tip='P' input='G'>*
	<tip='N' input='S'>	*<tip='N' input='M'>*	*<tip='P' input='G'>*

[1] Kif rikjest mill-Artikolu 102(5) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013.

[2] L-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 215/2014 tas-7 ta' Marzu 2014 li jistabbilixxi regoli għall-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Ewropew Marittimu u tas-Sajd u li jistabbilixxi dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew Marittimu u tas-Sajd fir-rigward ta' metodoloġiji tal-appoġġ għat-tibdil fil-klima, id-determinazzjoni tal-istadji importanti u l-miri fil-qafas tal-prestazzjoni u n-nomenklatura ta' kategoriji ta' intervent għall-Fondi Ewropej Strutturali u ta' Investiment (ĠU L 69, 8.3.2014, p. 65).

	Kodiċi	Ammont	Perċentwal
B.2.4. Kodiċi għall-mekkaniżmu eżekuttiv territorjali	*<tip='N' input='S'>*	*<tip='N' input='M'>*	*<tip='P' input='G'>*
B.2.5. Kodiċi għad-dimensjoni tal-objettiv tematiku (F'xi każi jista' jkun rilevanti iktar minn wieħed — għandhom jiġu pprovduti l-ishma *pro rata*)	*<tip='N' input='S'>*	*<tip='N' input='M'>*	*<tip='P' input='G'>*
B.2.6. Kodiċi għad-dimensjoni ekonomika (Kodiċi NACE [1]) (F'xi każi jista' jkun rilevanti iktar minn wieħed — għandhom jiġu pprovduti l-ishma *pro rata*)	*<tip='N' input='S'>*	*<tip='N' input='M'>*	*<tip='P' input='G'>*
	<tip='N' input='S'>	*<tip='N' input='M'>*	*<tip='P' input='G'>*
B.2.7. Kodiċi għad-dimensjoni(jiet) tal-post (NUTS III) [2] (F'xi każi jista' jkun rilevanti iktar minn wieħed — għandhom jiġu pprovduti l-ishma *pro rata*)	*<tip='N' input='S'>*	*<tip='N' input='M'>*	*<tip='P' input='G'>*
	<tip='N' input='S'>	*<tip='N' input='M'>*	*<tip='P' input='G'>*
B.2.8. In-natura tal-investiment [3] *(għandha timtela għal investimenti produttivi biss)*	*<tip='N' input='S'>*	*<tip='N' input='M'>*	*<tip='P' input='G'>*
B.2.9. Il-prodott ikkonċernat [4] *(għandha timtela għal investimenti produttivi biss)*	*<tip='N' input='S'>*	*<tip='N' input='M'>*	*<tip='P' input='G'>*

[1] NACE-Rev.2, kodiċi b'erba' numri: Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 1893/2006 (ĠU L 393, 30.12.2006, p. 1)

[2] Ir-Regolament (KE) Nru 1059/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 154, 21.6.2003, p. 1) kif emendat. Uża l-iktar kodiċi NUTS III iddettaljat u rilevanti. Fejn proġett jaffettwa diversi żoni individwali ta' livell NUTS III, ikkonsidra li tikkodifika l-kodiċijiet NUTS III jew ogħla.

[3] Kostruzzjoni ġdida = 1; estensjoni = 2; konverżjoni/modernizzazzjoni = 3; bidla fil-lokalità = 4; ħolqien permezz ta' teħid ta' kontroll = 5.

[4] In-Nomenklatura Magħquda (NM), ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 (ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1).

B.3. **Deskrizzjoni tal-proġett**

B.3.1 *Jekk jogħġbok, ipprovdi deskrizzjoni konċiża (massimu ta' 2 paġni) tal-proġett (li tippreżenta l-għan tiegħu, is-sitwazzjoni eżistenti, il-faċilitajiet li għandhom jinbnew, eċċ.), mappa li tidentifika ż-żona tal-proġett [1], dejta ġeoreferenzjata [2] u l-komponenti ewlenin tal-proġett bl-istimi totali individwali tan-nefqa (mingħajr rendikont iddettaljat tan-nefqa tal-attività).*

Fil-każ ta' investimenti produttivi trid tingħata deskrizzjoni teknika dettaljata inkluż: ix-xogħol involut fl-ispeċifikazzjoni tal-karatteristiċi ewlenin tiegħu, l-attivitajiet ewlenin u l-elementi ewlenin tal-istruttura finanzjarja tal-impriża, l-aspetti ewlenin tal-investiment, id-deskrizzjoni tat-teknoloġija u t-tagħmir tal-produzzjoni u d-deskrizzjoni tal-prodotti.

< tip='S' tul massimu='7000' input='M'>

[1] F'każ ta' PPP fejn is-sieħeb privat għadu ma ntgħażilx u huwa responsabbli li jsib il-post, l-applikant ma għandux għalfejn jipprovdi l-mappa li tidentifika ż-żona tal-proġett.

[2] Jekk jogħġbok, fl-Appendiċi 5 ipprovdi dejta ġeoreferenzjata fil-format ta' vector, li jkun fiha poligoni, linji u/jew punti kif xieraq, li jirrappreżentaw il-proġett preferibbilment fil-format ta' *shape file*.

B.3.2 *Dan il-proġett huwa fażi ta' proġett maġġuri* ([1]) ? <*tip='C' input='M'*>

Iva ☐ Le ☐

B.3.3 *Jekk il-proġett huwa fażi fi proġett ġenerali, agħti deskrizzjoni fil-qosor tal-fażijiet tal-implimentazzjoni proposti u spjega kif dawn huma teknikament u finanzjarjament indipendenti. Spjega liema kriterji ntużaw biex jiġi ddeterminat it-tqassim tal-proġett f'fażijiet. Jekk jogħġbok, agħti s-sehem (perċentwali) mill-proġett ġenerali li tkopri din il-fażi. Jekk il-proġett huwa kofinanzjat minn iktar minn Programm Operazzjonali wieħed, indika liema partijiet jaqgħu taħt liema Programm Operazzjonali u l-allokazzjoni pro rata tagħhom.*

< *tip='S' tul massimu='3500' input='M'*>

B.3.4 *Il-Kummissjoni diġà approvat xi parti minn dan il-proġett maġġuri qabel ?* <*tip='C' input='M'*>

Iva ☐ Le ☐

Jekk iva, jekk jogħġbok agħti numru CCI tal-proġett maġġuri approvat.

< *tip='S' input='S'*>

Jekk dan il-proġett huwa parti mill-proġett maġġuri maqsum f'fażijiet li l-ewwel fażi tiegħu twettqet fl-2007-2013, jekk jogħġbok agħti deskrizzjoni tal-objettivi fiżiċi u finanzjarji tal-fażi preċedenti, inkluża deskrizzjoni tal-implimentazzjoni tal-ewwel fażi u kkonferma li hija jew li se tkun lesta biex tintuża għall-iskop tagħha.

< *tip='S' tul massimu='10500' input='M'*>

B.3.5 *Il-proġett jifforma parti minn Netwerk Trans-Ewropew miftiehem fil-livell tal-Unjoni?* <*tip='C' input='M'*>

Iva ☐ Le ☐

Jekk iva, jekk jogħġbok agħti dettalji u rreferi għal-leġiżlazzjoni tal-UE rilevanti ([2]).

< *tip='S' tul massimu='1750' input='M'*>

B.3.6 *F'każ ta' investimenti produttivi dan l-investiment:*

i) huwa kopert taħt l-Artikolu 3(1)(a) tar-Regolament (UE) Nru 1301/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]) ? <*tip='C' input='M'*>

Iva ☐ Le ☐

([1]) Proġett maġġuri mibdi fil-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013 li minnu tlestiet fażi waħda jew iktar f'dak il-perjodu ta' programmazzjoni, u dan il-proġett jirrappreżenta fażi li se titwettaq u titlesta fil-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020, jew proġett mibdi fil-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020 li tiegħu dan il-proġett jirrappreżenta fażi li se titlesta, waqt li l-fażi li jmiss se titlesta f'dan il-perjodu ta' programmazzjoni jew f'dak sussegwenti.

([2]) Għall-enerġija: il-proġett huwa definit bħala proġett ta' interess komuni taħt ir-Regolament Nru 347/2013 dwar Linji Gwida għall-infrastruttura tal-enerġija trans-Ewropea u li jħassar id-Deċiżjoni 1364/2006/KE u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 713/2009, (KE) Nru 714/2009 u (KE) Nru 715/2009? Għat-trasport: il-proġett huwa kopert mir-Regolament (UE) Nru 1315/2013 dwar linji gwida tal-Unjoni għall-iżvilupp tan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 661/2010/UE?

([3]) Ir-Regolament (UE) Nru 1301/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi li jikkonċernaw l-Investiment li għandu fil-mira t-tkabbir ekonomiku u l-impjiegi, u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1080/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 289).

Jekk iva, jekk jogħġbok, spjega kif jikkontribwixxi għall-ħolqien u s-salvagwardja tal-impjiegi (speċjalment fost iż-żgħażagħ)

< tip='S' tul massimu='1750' input='M'>

ii) huwa kopert taħt l-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament (UE) Nru 1301/2013? *<tip='C' input='M'>*

Iva ☐ Le ☐

Jekk iva, jekk jogħġbok, spjega kif jikkontribwixxi għall-prijoritajiet ta' investiment stabbiliti fl-Artikolu 5(1) u (4) tar-Regolament (UE) Nru 1301/2013, u, jekk dak l-investiment jinvolvi kooperazzjoni bejn impriżi kbar u SMEs, kif jikkontribwixxi għall-prijoritajiet ta' investiment fl-Artikolu 5(2) ta' dak ir-Regolament.

< tip='S' tul massimu='1750' input='M'>

B.4. **L-objettivi tal-proġett u l-konsistenza tiegħu mal-assi prijoritarji rilevanti tal-programm operazzjonali jew programmi operazzjonali kkonċernati, u l-kontribut li mistenni jagħti biex jinkisbu l-objettivi u r-riżultati speċifiċi ta' dawn l-assi prijoritarji u l-kontribut li mistenni jagħti b'risq l-iżvilupp soċjoekonomiku taż-żona koperta mill-programm operazzjonali.**

B.4.1 *X'inhuma l-objettivi ewlenin tal-proġett? Jekk jogħġbok, niżżilhom hawnhekk u agħti spjegazzjoni fil-qosor*

< tip='S' tul massimu='1750' input='M'>

B.4.2 *Jekk jogħġbok, agħti dettalji dwar il-konsistenza tal-proġett mal-assi prijoritarji rilevanti tal-programm operattiv jew programmi operattivi u l-kontribut li mistenni jagħti sabiex jinkisbu l-indikaturi tar-riżultati taħt l-objettivi speċifiċi ta' dawn l-assi prijoritarji*

< tip='S' tul massimu='1750' input='M'>

B.4.3 *Jekk jogħġbok, spjega kif il-proġett se jikkontribwixxi għall-iżvilupp soċjoekonomiku taż-żona koperta mill-programm operattiv*

< tip='S' tul massimu='1750' input='M'>

B.4.4 *Jekk jogħġbok, spjega liema miżuri ġew ippjanati/ttieħdu mill-benefiċjarju sabiex ikun żgurat l-aħjar użu tal-infrastruttura fil-fażi operazzjonali*

< tip='S' tul massimu='1750' input='M'>

C. IN-NEFQA TOTALI U N-NEFQA TOTALI ELIĠIBBLI

C.1. **Jekk jogħġbok, imla t-tabella ta' hawn taħt waqt li tqis dan li ġej**

(1) L-ispejjeż ineliġibbli jinkludu (i) infiq barra mill-perjodu ta' eliġibilità, (ii) infiq ineliġibbli taħt ir-regoli applikabbli tal-UE u nazzjonali, (iii) infiq ieħor mhux ippreżentat għall-kofinanzjament. NB: Id-data tal-bidu għall-eliġibilità tan-nefqa hija d-data tas-sottomissjoni tal-programm operazzjonali lill-Kummissjoni jew l-1 ta' Jannar 2014, skont liema taħbat l-ewwel ([1]).

(2) Il-kontinġenzi ma għandhomx jeċċedu l-10 % tal-ispiża totali netta tal-kontinġenzi. Dawn il-kontinġenzi jistgħu jiġu inklużi fl-ispejjeż totali eliġibbli użati sabiex tiġi kkalkulata l-kontribuzzjoni ppjanata tal-fondi.

(3) Jista' jiġi inkluż aġġustament tal-prezziiet, fejn ikun rilevanti, biex tiġi koperta l-inflazzjoni mistennija fejn il-valuri tal-ispejjeż eliġibbli jkunu fi prezzijiet kostanti.

(4) Il-VAT rekuperabbli hija ineliġibbli. Fejn il-VAT hija meqjusa eliġibbli, jekk jogħġbok, agħti r-raġunijiet.

([1]) Sakemm ma jridux jiġu applikati regoli speċifiċi għall-proġett, eż. għajnuna mill-istat

(5) L-ispiża totali trid tinkludi l-ispejjeż kollha mġarrba għall-proġett, mill-ippjanar sas-superviżjoni u trid tinkludi l-VAT irrispettivament minn jekk tkunx rekuperabbli jew le.

(6) Ix-xiri ta' art mhux mibnija u ta' art mibnija f'ammont li jeċċedi l-10 % tan-nefqa totali eliġibbli għall-operazzjoni kkonċernata b'konformità mal-Artikolu 69(3)(b) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013. F'każi eċċezzjonali u ġġustifikati kif meħtieġ, jista' jkun permess perċentwal ogħla għall-operazzjonijiet li jikkonċernaw il-konservazzjoni ambjentali;

(7) In-nefqa totali eliġibbli qabel ma jitqiesu r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 61 tar-Regolament (EU) Nru 1303/2013.

	EUR	Kost totali (A)	L-ispejjeż li mhumiex eliġibbli [1] (B)	Spejjeż eliġibbli (C) = (A) − (B)	Perċentwal tal-ispejjeż totali eliġibbli
		Input	*Input*	*Ikkalkulati*	*Ikkalkulati*
1	Il-ħlasijiet tal-ippjanar/iddisinjar	*<tip='N' input='M'>*	*<tip='N' input='M'>*	*<tip='N' input='G'>*	*<tip='P' input='G'>*
2	Ix-xiri tal-art	*<tip='N' input='M'>*	*<tip='N' input='M'>* [6]	*<tip='N' input='G'>*	*<tip='P' input='G'>*
3	Il-bini u l-kostruzzjoni	*<tip='N' input='M'>*	*<tip='N' input='M'>*	*<tip='N' input='G'>*	*<tip='P' input='G'>*
4	Impjant u makkinarju jew tagħmir	*<tip='N' input='M'>*	*<tip='N' input='M'>*	*<tip='N' input='G'>*	*<tip='P' input='G'>*
5	Kontinġenzi [2]	*<tip='N' input='M'>*	*<tip='N' input='M'>*	*<tip='N' input='G'>*	*<tip='P' input='G'>*
6	L-aġġustament tal-prezzijiet (jekk applikabbli) [3]	*<tip='N' input='M'>*	*<tip='N' input='M'>*	*<tip='N' input='G'>*	*<tip='P' input='G'>*
7	Pubbliċità	*<tip='N' input='M'>*	*<tip='N' input='M'>*	*<tip='N' input='G'>*	*<tip='P' input='G'>*
8	Is-superviżjoni waqt l-implimentazzjoni tal-kostruzzjoni	*<tip='N' input='M'>*	*<tip='N' input='M'>*	*<tip='N' input='G'>*	*<tip='P' input='G'>*
9	Assistenza teknika	*<tip='N' input='M'>*	*<tip='N' input='M'>*	*<tip='N' input='G'>*	*<tip='P' input='G'>*
10	**SUBTOTAL**	*<tip='N' input='G'>*	*<tip='N' input='G'>*	*<tip='N' input='G'>*	*<tip='P' input='G'>*
11	(VAT [4])	*<tip='N' input='M'>*	*<tip='N' input='M'>*	*<tip='N' input='G'>*	*<tip='P' input='G'>*
12	**TOTAL**	*<tip='N' input='G'>* [5]	*<tip='N' input='G'>*	*<tip='N' input='G'>* [7]	*<tip='P' input='G'>*

Jekk jogħġbok, agħti r-rata tal-kambju u r-referenza (fejn applikabbli)

< tip='S' tul massimu='875' input='M'>

Jekk għandek xi kummenti dwar kwalunkwe wieħed mill-elementi ta' hawn fuq (eż. ebda kontinġenzi previsti), jekk jogħġbok, innotahom hawn taħt.

< tip='S' tul massimu='1750' input='M'>

C.2. **Verifika tal-konformità mar-regoli tal-għajnuna mill-Istat**

Tqis li dan il-proġett jinvolvi l-għoti ta' għajnuna mill-Istat? *<tip='C' input='M'>*

Iva ☐ Le ☐

Jekk iva, jekk jogħġbok, imla t-tabella ta' hawn taħt ([1]):

	Ammont ta' għajnuna (EUR) f'GGE ([1])	Ammont totali tal-ispiża eliġibbli (EUR) ([2])	L-intensità tal-għajnuna (f'%)	In-numru tal-Għajnuna mill-Istat/ numru tar-reġistru għall-għajnuna li tibbenefika minn eżenzjoni ta' kategorija
Skema tal-għajnuna approvata jew għajnuna individwali approvata	*<tip='N' input='M'>*	*<tip='N' input='M'>*	*<tip='P' input='M'>*	*<tip='N' input='M'>*
Għajnuna li taqa' taħt regolament ta' eżenzjoni tal-kategorija	*<tip='N' input='M'>*	*<tip='N' input='M'>*	*<tip='P' input='M'>*	*<tip='N' input='M'>*
Għajnuna konformi mad-deċiżjoni dwar SIEĠ ([3]) jew ir-regolament dwar it-traffiku pubbliku ta' passiġġieri fuq l-art ([4])	*<tip='N' input='M'>*	*<tip='N' input='M'>*	*<tip='P' input='M'>*	*<tip='N' input='M'>*
Għajnuna totali mogħtija	*<tip='N' input='G'>*	Ma japplikax	Ma japplikax	Ma japplikax

([1]) Ekwivalenti ta' għotja gross (gross grant equivalent — GGE) tfisser il-valur skontat tal-għajnuna espress bħala perċentwali tal-valur skontat tal-kosti eliġibbli, kif ikkalkulat fil-mument tal-għoti tal-għajnuna fuq il-bażi tar-rata ta' referenza applikabbli f'dik id-data.

([2]) Ir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat jinkludu dispożizzjonijiet dwar l-ispiża eliġibbli. F'din il-kolonna l-Istati Membri għandhom jindikaw l-ammont totali ta' spiża eliġibbli bbażat fuq ir-regoli tal-għajnuna mill-Istat li ġew applikati.

([3]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2012/21/UE tal-20 ta' Diċembru 2011 dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 106(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għall-għajnuna mill-Istat taħt il-forma ta' kumpens għas-servizzi pubbliċi mogħti lil ċerti impriżi inkarigati bil-ġestjoni ta' servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali (ĠU L 7, 11.1.2012, p. 3).

([4]) Regolament (KE) Nru 1370/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2007 dwar servizzi pubbliċi tat-trasport tal-passiġġieri bil-ferrovija u bit-triq u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nri 1191/69 u 1107/70 (ĠU L 315, 3.12.2007, p. 1).

Jekk le, jekk jogħġbok, spjega fid-dettall fuq liema bażi ġie stabbilit li l-proġett ma jinvolvix għajnuna mill-istat ([2]). Jekk jogħġbok, ipprovdi din l-informazzjoni għall-gruppi kollha ta' benefiċjarji potenzjali tal-għajnuna mill-Istat, pereżempju, fil-każ ta' infrastrutturi, dwar is-sid, il-kostrutturi, l-operaturi u l-utenti ta' infrastruttura. Jekk inhu applikabbli, jekk jogħġbok, indika jekk ir-raġuni għala tqis li l-proġett ma jinvolvix għajnuna mill-Istat hix li (i) il-proġett ma jikkonċerna ebda attività ekonomika (inklużi attivitajiet fl-ambitu pubbliku) jew li (ii) id-destinatarji tal-għajnuna jgawdu monopolju legali għall-attivitajiet rilevanti u mhumiex attivi f'xi settur liberalizzat ieħor (jew se jżommu kontijiet separati f'każ li d-destinatarji huma attivi f'setturi addizzjonali).

< tip='S' tul massimu='3500' input='M'>

C.3. **Kalkolu tan-nefqa totali eliġibbli**

L-ammont tal-ispiża totali eliġibbli wara li jittieħed kont tar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 61 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 għandu jintuża biex jivverifika jekk il-proġett ikunx laħaq il-limitu ta' proġett kbir skont l-Artikolu 100 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013.

([1]) Din l-applikazzjoni ma tissostitwix in-notifika lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 108(3) tat-Trattat. Deċiżjoni pożittiva mill-Kummissjoni dwar il-proġett maġġuri taħt ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 ma tikkostitwix approvazzjoni ta' għajnuna mill-Istat.

([2]) Is-servizzi tal-Kummissjoni pprovdew gwida lill-Istati Membri sabiex jiffaċilitaw il-valutazzjoni meta investimenti fl-infrastruttura jistgħu jinvolvu għajnuna mill-Istat. B'mod partikolari, is-servizzi tal-Kummissjoni ħejjew grilji analitiċi. Bħalissa qed titħejja Komunikazzjoni dwar il-kunċett tal-għajnuna. Il-Kummissjoni tistieden lill-Istati Membri jagħmlu użu mit-tabelli analitiċi jew minn metodi oħrajn sabiex jispjegaw għala jqisu li l-appoġġ ma jinvolvix l-għoti ta' għajnuna mill-Istat.

Jekk jogħġbok, agħżel l-opzjoni rilevanti u imla l-informazzjoni kif meħtieġ. Għal operazzjonijiet li ma jiġġenerawx dħul, jekk jogħġbok, agħżel il-metodu tal-Artikolu 61(3) (b) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 u stabbilixxi l-applikazzjoni *pro rata* tad-dħul nett skontat għal 100 %.

Metodu tal-kalkolu tad-dħul potenzjali nett	Il-metodu użat kif magħżul mill-awtorità tal-ġestjoni għassettur, subsettur jew tip ta' operazzjoni rilevanti [1] (Agħżel kaxxa waħda biss)
Kalkolu tad-dħul nett skontat	*<tip='C' input='M'>*
Metodu ta' rata fissa	*<tip='C' input='M'>*
Metodu ta' tnaqqis fir-rata ta' kofinanzjament	*<tip='C' input='M'>*

[1] Kif rikjest mill-Artikolu 61 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013.

Kalkolu tad-dħul nett skontat **(l-Artikolu 61(3)(b) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013)**

		Valur
1.	In-nefqa totali eliġibbli qabel ma jitqiesu r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 61 tar-Regolament (EU) Nru 1303/2013 (f'EUR, mhux skontata) (Taqsima C.1.12(C))	*<tip='N' input='G'>*
2.	Applikazzjoni pro rata tad-dħul nett skontat (%) (jekk applikabbli) = (E.1.2.9)	*<tip='N' input='M'>*
3.	In-nefqa totali eliġibbli wara li jitqiesu r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 61 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 (f'EUR, mhux skontata) = (1) * (2) *Il-kontribuzzjoni pubblika massima trid tirrispetta r-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat u l-ammont ta' għajnuna totali mogħtija rrapportat hawn fuq (jekk applikabbli)*	*<tip='N' input='M'>*

Il-metodu ta' rata fissa u l-metodu ta' tnaqqis fir-rata ta' kofinanzjament (l-Artikolu 61(3)(a) u l-Artikolu 61(5) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013)

		Valur
1.	In-nefqa totali eliġibbli qabel ma jitqiesu r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 61 tar-Regolament (EU) Nru 1303/2013 (f'EUR, mhux skontata) (Taqsima C.1.12(C))	*<tip='N' input='G'>*
2.	Ir-rata fissa tad-dħul nett kif definita fl-Anness V tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 jew f'atti delegati (FR) (%)	*<tip='N' input='M'>*
3.	In-nefqa totali eliġibbli wara li jitqiesu r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 61 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 (f'EUR, mhux skontata) = (1) * (1 − FR) (*) *Il-kontribuzzjoni pubblika massima għandha tirrispetta r-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat u l-ammont ta' għajnuna totali mogħtija rrapportat hawn fuq (jekk applikabbli)*	*<tip='N' input='M'>*

(*) F'każ ta' tnaqqis tar-rati ta' kofinanzjament, din il-formula mhijiex applikabbli (rata fissa hija riflessa b'rata ta' kofinanzjament tal-assi prijoritarju, li jirriżulta f'anqas finanzjament tal-FEŻR/FK) u l-kost eliġibbli totali huwa daqs l-ammont imsemmi fil-punt (1)

D. STUDJI TA' FATTIBBILTÀ MWETTQIN, INKLUŻA ANALIŻI TAL-OPERAZZJONI, U R-RIŻULTATI

D.1. **L-analiżi tad-domanda**

Jekk jogħġbok, agħti sommarju tal-analiżi tad-domanda, inkluża r-rata tat-tkabbir fid-domanda prevista, sabiex turi d-domanda għall-proġett, b'konformità mal-approċċ stabbilit fl-Anness III (Metodoloġija biex titwettaq l-analiżi tal-ispejjeż u tal-benefiċċji) ta' dan ir-Regolament. Mill-inqas għandha tkun inkluża l-informazzjoni li ġejja:

i) metodoloġija għal projezzjonijiet;

ii) suppożizzjonijiet u linji bażi (eż. it-traffiku fil-passat, it-traffiku assunt fil-futur mingħajr il-proġett);

iii) tbassir dwar alternattivi magħżula, jekk applikabbli;

iv) aspetti li jirrigwardaw il-provvista inkluża l-analiżi tal-provvista eżistenti u l-iżviluppi mistennija (fl-infrastruttura);

v) l-effett ta' netwerk (jekk ikun hemm).

F'każ ta' investimenti produttivi iddeskrivi s-swieq immirati u pprovdi sommarju tal-analiżi tad-domanda inkluża r-rata tat-tkabbir fid-domanda, f'rendikont dettaljat, fejn xieraq, skont l-Istat Membru u, separatament, skont il-pajjiżi terzi meqjusa fit-totalità tagħhom.

< tip='S' tul massimu='10500' input='M'>

D.2. **Analiżi tal-għażliet**

D.2.1 *Jekk jogħġbok, iġbor fil-qosor l-għażliet alternattivi kkunsidrati fl-istudji ta' fattibilità (massimu ta' 2-3 paġni) b'konformità mal-approċċ stabbilit fl-Anness III (Metodoloġija biex titwettaq l-analiżi tal-ispejjeż u tal-benefiċċji) ta' dan ir-Regolament. Mill-inqas għandha tkun inkluża l-informazzjoni li ġejja*

i) L-ispiża totali tal-investiment u l-ispejjeż operattivi tal-għażliet ikkonsidrati;

ii) Għażliet ta' skala (skont kriterji tekniċi, operattivi, ekonomiċi, ambjentali u soċjali) u għażliet ta' post għall-infrastruttura proposta;

iii) Għażliet teknoloġiċi — għal kull komponent u għal kull sistema;

iv) Riskji involuti għal kull alternattiva, inklużi riskji marbutin ma' impatti tat-tibdil fil-klima u estremitajiet tat-temp;

v) Indikaturi ekonomiċi għal għażliet ikkunsidrati, jekk applikabbli ([1]);

vi) Tabella fil-qosor bil-vantaġġi u l-iżvantaġġi għall-għażliet kollha kkunsidrati.

Barra minn hekk, fil-każ ta' *investimenti produttivi* agħti dettalji dwar il-kunsiderazzjonijiet tal-kapaċità (eż. il-kapaċità tad-ditta qabel l-investiment (f'unitajiet fis-sena), id-data tar-referenza, il-kapaċità wara l-investiment (f'unitajiet fis-sena), stima tar-rata ta' użu tal-kapaċità).

< tip='S' tul massimu='10500' input='M'>

D.2.2 *Jekk jogħġbok, speċifika l-kriterji li ġew meqjusa fl-għażla tal-aħjar soluzzjoni (bl-ordni tal-importanza tagħhom u bil-metodu tal-evalwazzjoni tagħhom, li jirriflettu l-eżiti tal-valutazzjoni tal-vulnerabilità u tar-riskji mit-tibdil fil-klima u tal-proċeduri tal-EIA/SEA kif xieraq (ara: taqsima F hawn taħt)) u ppreżenta ġustifikazzjoni fil-qosor għall-għażla magħżula b'konformità mal-Anness III (Metodoloġija biex titwettaq l-analiżi tal-ispejjeż u tal-benefiċċji) ta' dan ir-Regolament.* ([2])

< tip='S' tul massimu='7000' input='M'>

([1]) Jekk ir-riżultat u l-esternalitajiet huma differenti fl-għażliet differenti (jekk wieħed jassumi li l-għażliet kollha għandhom l-istess objettiv) eż. proġetti ta' skart solidu, huwa rrakkomandat li titwettaq CBA simplifikata għall-għażliet ewlenin kollha sabiex tingħażel l-aħjar alternattiva u u parametri ekonomiċi bħal l-EPNV għandu jkun il-fattur ewlieni fl-għażla.

([2]) F'każ ta' proġett PPP, din it-taqsima għandha tinkludi r-razzjonal tal-għażla tal-metodu ta' akkwist, inkluż permezz ta' analiżi dwar il-"valur għall-flus" bl-użu ta' paraguni raġonevoli mis-settur pubbliku.

D.3. **Fattibilità tal-għażla magħżula**

Ipprovdi sommarju qasir tal-fattibilità tal-għażla magħżula li tkopri dawn id-dimensjonijiet ewlenin: istituzzjonali, teknika, ambjentali, u l-emissjonijiet GHG, l-impatti u r-riskji tat-tibdil fil-klima fuq il-proġett (fejn applikabbli), u aspetti oħra waqt li tqis ir-riskji identifikati sabiex tagħti prova tal-fattibilità tal-proġett. Jekk jogħġbok, imla t-tabella billi tirreferi għad-dokumenti rilevanti.

D.3.1 *L-aspett istituzzjonali*

< tip='S' tul massimu='1750' input='M'>

D.3.2 *Aspetti tekniċi li jinkludu l-post, il-kapaċità mfassla tal-infrastruttura ewlenija, ġustifikazzjoni tal-ambitu u d-daqs tal-proġett fil-kuntest tad-domanda prevista, ġustifikazzjoni tal-għażliet magħmula fir-rigward tal-valutazzjoni tar-riskji dwar il-klima u d-diżastri naturali (fejn rilevanti), stimi tal-investiment u tal-ispejjeż operattivi.*

< tip='S' tul massimu='1750' input='M'>

D.3.3 *Aspetti ambjentali, u ta' mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima (emissjonijiet GHG) u ta' adattament (fejn applikabbli).*

< tip='S' tul massimu='1750' input='M'>

D.3.4 *Aspetti oħra*

< tip='S' tul massimu='1750' input='M'>

Jekk jogħġbok, imla t-tabella ta' referenza ta' hawn taħt

Dimensjoni Ewlenija tal-Istudji ta' Fattibilità (jew Pjan tan-Negozju f'każ ta' investiment produttiv)	Referenza (id-dokumenti ta' appoġġ u l-kapitlu/it-taqsima/il-paġna fejn wieħed jista' jsib l-informazzjoni u d-dettalji speċifiċi)
L-analiżi tad-domanda	*< tip='S' tul massimu='1750' input='M'>*
Analiżi tal-opzjonijiet	*< tip='S' tul massimu='1750' input='M'>*
Istituzzjonali	*< tip='S' tul massimu='1750' input='M'>*
Teknika	*< tip='S' tul massimu='1750' input='M'>*
L-ambjent, il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih u r-reżiljenza għad-diżastri (fejn applikabbli)	*< tip='S' tul massimu='1750' input='M'>*
Aspetti oħra	*< tip='S' tul massimu='1750' input='M'>*

Minbarra l-elementi fil-qosor li għandhom jingħataw, jiġi pprovdut id-dokument tal-istudji ta' fattibilità b'appoġġ għal din l-applikazzjoni bħala Appendiċi 4.

E. ANALIŻI TAL-ISPEJJEŻ U L-BENEFIĊĊJI, INKLUŻA ANALIŻI FINANZJARJA U EKONOMIKA, U VALUTAZZJONI TAR-RISKJU

Din it-taqsima għandha tkun ibbażata fuq l-Anness III (Metodoloġija biex titwettaq l-analiżi tal-ispejjeż u tal-benefiċċji) ta' dan ir-Regolament. Minbarra l-elementi fil-qosor li għandhom jingħataw, għandu jiġi pprovdut id-dokument sħiħ tal-analiżi tal-ispejjeż u tal-benefiċċji b'appoġġ għal din l-applikazzjoni bħala Appendiċi 4.

E.1. **Analiżi finanzjarja**

E.1.1. *Jekk jogħġbok, agħti deskrizzjoni qasira (massimu ta' 2-3 paġni) tal-metodoloġija (deskrizzjoni tal-konformità mal-Anness III (Metodoloġija biex titwettaq l-analiżi tal-ispejjeż u tal-benefiċċji) ta' dan ir-Regolament u mat-Taqsima III (Metodu għall-kalkolu tad-dħul nett skontat ta' operazzjonijiet li jiġġeneraw dħul nett) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 480/2014 ([1]) u eċċezzjonijiet għall-applikazzjoni tal-metodoloġiji; l-assunzjonijiet ewlenin magħmula rigward l-ispejjeż operattivi, il-valuri ta' dħul u residwi, il-parametri makroekonomiċi użati, il-passi kkunsidrati fil-kalkoli, id-dejta użata għat-twettiq tal-analiżi) u r-riżultati ewlenin tal-analiżi finanzjarja inklużi r-riżultati tal-analiżi tas-sostenibilità finanzjarja sabiex turi li l-proġett mhuwiex se jispiċċa bla flus fil-futur (jekk jogħġbok, ikkonferma l-impenn min-naħa tal-benefiċjarju tal-proġett, is-sidien tiegħu u/jew l-awtoritajiet pubbliċi li jiffinanzjaw l-investiment, l-ispejjeż tal-operat u ta' sostituzzjoni, u fejn possibbli pprovdi tabelli tas-sostenibilità finanzjarja li jippreżentaw il-previżjonijiet tal-flussi tal-flus għall-perjodu ta' referenza):*

< tip='S' tul massimu='10500' input='M'>

E.1.2. *L-elementi prinċipali u l-parametri użati fis-CBA għall-analiżi finanzjarja (il-valuri kolla f'EUR)* ([2])

	L-elementi prinċipali u l-parametri	Valur		
1	Perjodu ta' referenza (snin)	*<tip='N' input='M'>*		
2	Ir-rata ta' skont finanzjarju (%) ([1])	*<tip='P' input='M'>*		
	L-elementi prinċipali u l-parametri	Valur Mhux skontat	Valur Skontat (Valur Nett Preżenti)	Referenza għad-dokument CBA (kapitlu/taqsima/paġna)
3	L-ispiża totali tal-investiment minbarra l-kontinġenzi	*<tip='N' input='M'>*	*<tip='N' input='M'>*	*< tip='S' tul massimu='500' input='M'>*
4	Valur residwu	*<tip='N' input='M'>*	*<tip='N' input='M'>*	*< tip='S' tul massimu='500' input='M'>*
5	Dħul		*<tip='N' input='M'>*	*< tip='S' tul massimu='500' input='M'>*
6	L-ispejjeż operattivi u ta' sostituzzjoni ([2])		*<tip='N' input='M'>*	*< tip='S' tul massimu='500' input='M'>*
Applikazzjoni prorata tad-dħul nett skontat ([3])				
7	Dħul nett = dħul – kost ta' operat u sostituzzjoni + valur residwu = (5) – (6) + (4)		*<tip='N' input='G'>*	*< tip='S' tul massimu='500' input='M'>*

([1]) Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 480/2014 tat-3 ta' Marzu 2014 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd (ĠU L 138, 13.5.2014, p. 5).

([2]) Iċ-ċifri kollha jridu jikkorrispondu mad-dokument tas-CBA. Is-CBA għandha tkun abbozzata f'EUR jew fil-munita lokali bir-rata tal-kambju indikata b'mod ċar.

8	Kost totali ta' investiment – dħul nett = (3) – (7)		*<tip='N' input='G'>*	*< tip='S' tul massimu='500' input='M'>*
9	Applikazzjoni *pro rata* tad-dħul nett attwalizzat (%) = (8)/(3)	*<tip='P' input='G'>*		*< tip='S' tul massimu='500' input='M'>*

* Fejn il-VAT hija rekuperabbli, l-ispejjeż u d-dħul għandhom ikunu bbażati fuq ċifri li jeskludu l-VAT.
(1) Preferibbilment f'termini reali.
(2) Fis-sens tal-Artikolu 17 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 480/2014
(3) Dan ma japplikax: 1) għal proġetti suġġetti għar-regoli dwar għajnuniet mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107 tat-Trattat (ara l-punt G1), b'konformità mal-Artikolu 61(8) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013; 2) jekk tintuża rata fissa (l-Artikolu 61 (3)(a) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013) jew tnaqqis fir-rata ta' kofinanzjament (l-Artikolu 61(5) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013); u 3) jekk is-somma tal-ispejjeż tal-valur preżenti tal-operat u s-sostituzzjoni hija ogħla mill-valur preżenti tad-dħul, il-proġett ma jitqiesx li jiġġenera dħul, f'liema każ il-partiti 7 u 8 jistgħu jiġu injorati u l-applikazzjoni *pro rata* tad-dħul nett skontat tiġi stabbilita għal 100 %.

E.1.3. *L-indikaturi ewlenin tal-analiżi finanzjarja b'konformità mad-dokument tas-CBA*

	Minħajr l-appoġġ tal-Unjoni A		Bl-Unjoni appoġġ B		Referenza għad-dokument tas-CBA (il-kapitlu/it-taqsima/il-paġna)
1. Ir-rata finanzjarja tal-qligħ (%)	*<tip='P' input='M'>*	FRR(C) (1)	*<tip='P' input='M'>*	FRR(K) (2)	*< tip='S' tul massimu='500' input='M'>*
2. Il-valur nett preżenti (EUR)	*<tip='N' input='M'>*	FNPV(C)	*<tip='N' input='M'>*	FNPV(K)	*< tip='S' tul massimu='500' input='M'>*

(1) FRR/(C) tirrappreżenta l-profittabilità finanzjarja ta' investiment.
(2) FRR(K) tirrappreżenta l-profittabilità finanzjarja tal-kapital (nazzjonali) proprju.

Jekk proġett maġġuri juri **profittabilità finanzjarja għolja** jiġifieri l-FRR(C) tkun sostanzjalment ogħla mir-rata ta' skont finanzjarju, jekk jogħġbok, iġġustifika l-kontribuzzjoni tal-Unjoni b'konformità mal-Anness III ta' dan ir-Regolament

< tip='S' tul massimu='1750' input='M'>

F'każ ta' *investimenti produttivi* agħti r-riżultati tal-kalkolu tal-FRR(Kp) (1) u l-paragun tagħha mal-punti ta' riferiment nazzjonali dwar il-profittabilità mistennija fit-tali settur.

< tip='S' tul massimu='1750' input='M'>

E.1.4. *L-istrateġija tat-tariffi u l-affordabilità (jekk applikabbli)*

E.1.4.1. Jekk huwa mistenni li l-proġett jiġġenera dħul permezz ta' tariffi jew ħlasijiet magħmula mill-utenti, jekk jogħġbok, agħti dettalji dwar is-sistema tal-ħlasijiet (it-tipi u l-livell tal-ħlasijiet, il-prinċipju jew il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni li abbażi tagħhom ġew stabbiliti l-imposti).

< tip='S' tul massimu='1750' input='M'>

(1) FRR(Kp) tirrappreżenta l-profittabilità finanzjarja tal-kapital tal-promotur tal-proġett.

E.1.4.2 Il-ħlasijiet ikopru l-ispejjeż operattivi inkluża l-manutenzjoni u l-ispejjeż ta' sostituzzjoni tal-proġett ([1]) ? *<tip='C' input='M'>*

Iva ☐ Le ☐

Jekk jogħġbok, agħti dettalji b'referenza għall-istrateġija tat-tariffi. Jekk it-tweġiba hija "le", indika l-proporzjon tal-ispejjeż operattivi li se jkunu koperti u s-sorsi ta' finanzjament tal-ispejjeż mhux koperti. Jekk hija pprovduta għajnuna għall-operat, jekk jogħġbok, agħti dettalji. Jekk mhumiex previsti ħlasijiet, spjega kif l-ispejjeż tal-operat se jkunu koperti.

< tip='S' tul massimu='1750' input='M'>

E.1.4.3. Jekk il-ħlasijiet ivarjaw bejn l-utenti diversi, huma proporzjonati għall-użu differenti tal-proġett/konsum reali? (Jekk jogħġbok ipprovdi d-dettalji fil-kaxxa) *<tip='C' input='M'>*

Iva ☐ Le ☐

< tip='S' tul massimu='1750' input='M'>

E.1.4.4 Il-ħlasijiet huma proporzjonati għat-tniġġis iġġenerat mill-utenti? (Jekk jogħġbok ipprovdi d-dettalji fil-kaxxa) *<tip='C' input='M'>*

Iva ☐ Le ☐

< tip='S' tul massimu='1750' input='M'>

E.1.4.5 Ittieħdet inkonsiderazzjoni l-affordabilità tal-ħlasijiet għall-utenti? (Jekk jogħġbok ipprovdi d-dettalji fil-kaxxa) *<tip='C' input='M'>*

Iva ☐ Le ☐

< tip='S' tul massimu='1750' input='M'>

E.2. **Analiżi ekonomika**

E.2.1. *Jekk jogħġbok, agħti deskrizzjoni qasira (massimu ta' 2-3 paġni) tal-metodoloġija (deskrizzjoni tal-konformità mal-Att ta' Implimentazzjoni dwar il-metodoloġija tal-analiżi tal-ispejjeż u tal-benefiċċji u eċċezzjonijiet għall-applikazzjoni tal-metodoloġija, is-suppożizzjonijiet ewlenin magħmula fl-ivvalutar tal-ispejjeż (inklużi komponenti ta' spejjeż rilevanti kkunsidrati — spejjeż ta' investiment, spejjeż ta' sostituzzjoni, spejjeż ta' operat), il-benefiċċji ekonomiċi u l-esternalitajiet inklużi dawk marbuta mal-ambjent, il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima (inklużi, fejn rilevanti, l-emissjonijiet inkrementali tal-gass serra f'ekwivalenti ta' CO2) u r-reżiljenza għat-tibdil fil-klima u r-reżiljenza għad-diżastri, u r-riżultati ewlenin tal-analiżi soċjoekonomika u spjega r-relazzjoni mal-Analiżi tal-Impatt Ambjentali (ara: it-taqsima F hawn taħt) kif xieraq:*

< tip='S' tul massimu='10500' input='M'>

E.2.2. *Agħti dettalji tal-benefiċċji ekonomiċi u l-ispejjeż identifikati fl-analiżi flimkien mal-valuri assenjati lilhom:*

Benefiċċju	Il-valur tal-unità (fejn applikabbli)	Valur totali (f'EUR, skontat) ([1])	% tal-benefiċċji totali
< tip='S' tul massimu='200' input='M'>	*< tip='S' tul massimu='50' input='M'>…*	*<tip='N' input='M'>*	*<tip='P' input='M'>*
…	…	…	…
Total		*IKKALKULATI*	**100 %**

([1]) Inklużi spejjeż oħla matul il-ħajja ekonomika tal-proġett minħabba impatti tat-tibdil fil-klima u diżastri naturali oħra (fejn rilevanti).

Kost	Il-valur tal-unità (fejn applikabbli)	Valur totali (f'EUR, skontat)	% tal-ispejjeż totali
< tip='S' tul massimu='200' input='M'>	*< tip='S' tul massimu='50' input='M'>…*	*<tip='N' input='M'>*	*<tip='P' input='M'>*
…	…	…	…
Total		*IKKALKULATI*	**100 %**

([1]) Is-somma tal-ammonti skontati tal-ispejjeż u l-benefiċċji ppreżentati fit-tabella għandha tammonta għall-valur ENPV.

E.2.3. *L-indikaturi ewlenin tal-analiżi ekonomika b'konformità mad-dokument tas-CBA*

Il-parametri u l-indikaturi prinċipali	Valuri	**Referenza għad-dokument tas-CBA** (il-kapitlu/it-taqsima/il-paġna)
1. Ir-rata ta' skont soċjali (%)	*<tip='P' input='M'>*	*<tip='S' tul massimu='500' input='M'>*
2. Rata ekonomika tal-profitti ERR (%)	*<tip='P' input='M'>*	*<tip='S' tul massimu='500' input='M'>*
3. Valur ekonomiku nett preżenti ENPV (f'EUR)	*<tip='N' input='G'>*	*< tip='S' tul massimu='500' input='M'>*
4. Il-proporzjon bejn il-benefiċċji u l-ispejjeż	*<tip='N' input='G'>*	*<tip='S' tul massimu='500' input='M'>*

E.2.4. *L-effetti tal-proġett fuq l-impjiegi*

Ipprovdi indikazzjoni tan-numru ta' impjiegi li għandhom jinħolqu (espressi f'termini ta' ekwivalenti full-time (FTE)).

In-numru ta' impjiegi maħluqa direttament:	Nru (FTE) (A)	It-tul medju ta' dawn l-impjiegi (xhur) ([1]) (B)
Waqt il-fażi ta' implimentazzjoni	*<tip='N' input='M'>*	*<tip='N' input='M'>*
Waqt il-fażi operattiva	*<tip='N' input='M'>*	*<tip='N' input='M'>*
In-numru ta' impjiegi maħluqa direttament: *(investimenti produttivi biss)*:	Nru (FTE) (A)	It-tul medju ta' dawn l-impjiegi (xhur) (B)
Waqt il-fażi operattiva	*<tip='N' input='M'>*	*<tip='N' input='M'>*
Numru ta' impjiegi salvagwardati (investimenti produttivi biss)	*<tip='N' input='M'>*	**m.a.**

([1]) Fil-każ ta' impjiegi permanenti, minflok it-tul ta' żmien f'xhur, indika "permanenti".

Barra minn hekk, għal investimenti produttivi, jekk joghġbok, agħti dettalji dwar l-impatt mistenni tal-proġett fuq l-impjiegi f'reġjuni oħrajn tal-Unjoni, u ddefinixxi jekk il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Fondi tirriżultax f'telf sostanzjali ta' impjiegi f'postijiet eżistenti fl-Unjoni, billi tieħu inkunsiderazzjoni l-premessa 92 tas-CPR kif ukoll ir-regoli dwar għajnuna mill-Istat reġjonali.

< tip='S' tul massimu='1750' input='M'>

E.2.5. *Identifika l-benefiċċji u l-ispejjeż prinċipali li mhumiex monetizzabbli*

< tip='S' tul massimu='1750' input='M'>

E.3. **Il-valutazzjoni tar-riskju u l-analiżi tas-sensittività**

E.3.1. *Jekk jogħġbok, agħti deskrizzjoni qasira tal-metodoloġija u r-riżultati fil-qosor inklużi r-riskji ewlenin identifikati*

< tip='S' tul massimu='1750' input='M'>

E.3.2 *Analiżi tas-sensittività*

Iddikjara l-bidla perċentwali applikata għall-varjabbli ttestjati:

Ippreżenta l-effett stmat (bħala bidla perċentwali) fuq ir-riżultati ta' indiċijiet tal-prestazzjoni finanzjarja u ekonomika.

Il-varjabbli ttestjati	Il-Valur Finanzjarju Nett Preżenti (FNPV(C))	Il-varjazzjoni fil-Valur Finanzjarju Nett Preżenti (FNPV(C)) (%)	Il-varjazzjoni fil-Valur Ekonomiku Nett Preżenti (ENPV) (%)
<tip='S' tul massimu='500' input='M'>	*<tip='P' input='M'>*	*<tip='P' input='M'>*	*<tip='P' input='M'>*

Liema varjabbli ġew identifikati bħala kritiċi? Iddikjara liema kriterju ġie applikat u semmi l-impatt tal-varjabbli ewlenin fuq l-indikaturi ewlenin — FNPV, ENPV.

< tip='S' tul massimu='1750' input='M'>

X'inhuma l-valuri tal-bidla tal-varjabbli kritiċi? Jekk jogħġbok, agħti l-bidla perċentwali stmata biex l-FNPV jew l-ENPV jiġu żero għal kull wieħed mill-varjabbli kritiċi identifikati.

< tip='S' tul massimu='1750' input='M'>

E.3.3. *Valutazzjoni tar-riskju*

Jekk jogħġbok, ippreżenta sommarju qasir tal-valutazzjoni tar-riskju inkluża lista ta' riskji li l-proġett huwa espost għalihom, il-matriċi tar-riskju ([1]) u l-interpretazzjoni u l-istrateġija proposta għall-mitigazzjoni tar-riskju u l-korp responsabbli mill-mitigazzjoni tar-riskji ewlenin bħalma huma l-infiq żejjed, id-dewmien fiż-żmien, in-nuqqasijiet fid-domanda; għandha tingħata attenzjoni speċjali lir-riskji ambjentali, ir-riskji relatati mat-tibdil fil-klima, u riskji relatati ma' diżastri naturali.

< tip='S' tul massimu='3500' input='M'>

E.3.4. *Valutazzjonijiet addizzjonali li twettqu, jekk applikabbli*

Jekk twettqu distribuzzjonijiet ta' probabilità għall-varjabbli kritiċi, analiżi kwantitattiva tar-riskju jew għażliet sabiex jiġu vvalutati r-riskju u l-miżuri tal-klima, jekk jogħġbok agħti d-dettalji hawn taħt.

< tip='S' tul massimu='3500' input='M'>

([1]) F'każ ta' proġett PPP għandha tkun inkluża l-matriċi tar-riskju kif allokata taħt l-arranġamenti PPP (jekk diġà saret sejħa għall-offerti għall-operazzjoni) jew l-allokazzjoni tar-riskju maħsuba taħt l-arranġamenti PPP (jekk għadha ma saritx sejħa għall-offerti għall-operazzjoni).

F. ANALIŻI TAL-IMPATT AMBJENTALI, LI TQIS IL-ĦTIĠIJIET TAL-MITIGAZZJONI TAT-TIBDIL FIL-KLIMA U TAL-ADATTAMENT GĦALIH, U R-REŻILJENZA GĦAD-DIŻASTRI

F.1. **Il-konsistenza tal-proġett mal-politika ambjentali**

F.1.1 *Iddeskrivi kif il-proġett jikkontribwixxi għall-objettivi tal-politika ambjentali inkluż it-tibdil fil-klima, u kif jikkonsidrahom (bħala gwida, jekk jogħġbok, qis dan li ġej: l-effiċjenza fl-użu tar-riżorsi, il-preservazzjoni tal-bijodiversità u tas-servizzi tal-ekosistema, it-tnaqqis tal-emizzjonijiet GHG, ir-reżiljenza għall-impatt tat-tibdil fil-klima, eċċ.).*

< *tip='S' tul massimu='1750' input='M'*>

F.1.2 *Iddeskrivi kif il-proġett jirrispetta l-prinċipju ta' prekawzjoni, il-prinċipju ta' azzjoni preventiva, il-prinċipju li l-ħsara ambjentali bħala prijorità għandha tiġi rrettifikata mis-sors u l-prinċipju ta' "min iniġġes iħallas".*

< *tip='S' tul massimu='1750' input='M'*>

F.2. **Applikazzjoni tad-Direttiva 2001/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill** ([1]) **(id-"Direttiva SEA")**

F.2.1 *Il-proġett qed jiġi implimentat bħala riżultat ta' pjan jew programm, minbarra l-Programm Operazzjonali? <tip='C' input='M'>*

Iva ☐ Le ☐

F.2.2. *Jekk it-tweġiba għall-mistoqsija F.2.1 hija "Iva", jekk jogħġbok, speċifika jekk il-pjan jew il-programm kienx magħmul suġġett għal valutazzjoni ambjentali strateġika b'konformità mad-Direttiva SEA <tip='C' input='M'>*

Iva ☐ Le ☐

— Jekk it-tweġiba hija "Le", jekk jogħġbok, agħti spjegazzjoni qasira:

< *tip='S' tul massimu='1750' input='M'*>

— Jekk it-tweġiba hija "Iva", jekk jogħġbok, ipprovdi s-sommarju mhux tekniku ([2]) tar-Rapport Ambjentali u l-informazzjoni rikjesta mill-Artikolu 9(1)(b) ta' dik id-Direttiva (jew link tal-internet jew kopja elettronika).

< *tip='S' tul massimu='1750' input='M'*>

F.3. **L-Applikazzjoni tad-Direttiva 2011/92/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill** ([3]) **(id-"Direttiva EIA")**

F.3.1 *F'każ li mhix issodisfata l-kundizzjonalità ex ante dwar il-leġiżlazzjoni ambjentali (id-Direttiva 2011/92/UE u d-Direttiva 2001/42/KE), skont l-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 uri r-rabta mal-pjan ta' azzjoni miftiehem.*

< *tip='S' tul massimu='1750' input='M'*>

F.3.2 *Il-proġett huwa elenkat fl-annessi tad-Direttiva EIA* ([4]):

— L-Anness I tad-Direttiva EIA (mur għall-mistoqsija F.3.3)

— L-Anness II tad-Direttiva EIA (mur għall-mistoqsija F.3.4)

— Ebda wieħed miż-żewġ annessi (mur għall-mistoqsija F.4) — jekk jogħġbok, spjega hawn taħt

< *tip='S' tul massimu='1750' input='M'*>

([1]) Id-Direttiva Nru 2001/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2001 dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti pjanijiet u programmi fuq l-ambjent (ĠU L 197, 21.7.2001, p. 30).

([2]) Imħejji b'konformità mal-Artikolu 5 u l-Anness I tad-Direttiva 2001/42/KE.

([3]) Id-Direttiva Nru 2011/92/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent (ĠU L 26, 28.1.2012, p. 1).

([4]) Jekk proġett ikun jikkonsisti f'għadd ta' attivitajiet/servizzi/xogħlijiet li huma kklassifikati fi gruppi differenti, l-informazzjoni għandha timtela b'mod separat għal kull kompitu ta' investiment.

F.3.3 *Meta kopert mill-Anness I tad-Direttiva EIA, inkludi d-dokumenti li ġejjin (bħala Appendiċi 6) u uża l-kaxxa għat-test hawn taħt għal informazzjoni u spjegazzjonijiet addizzjonali* ([1]):

(a) Is-sommarju mhux tekniku tar-Rapport tal-EIA ([2]).

(b) Informazzjoni dwar konsultazzjonijiet ma' awtoritajiet ambjentali, mal-pubbliku u, jekk applikabbli, konsultazzjonijiet ma' Stati Membri oħrajn, imwettqa b'konformità mal-Artikoli 6 u 7 tad-Direttiva EIA.

(c) Id-deċiżjoni tal-awtorità kompetenti maħruġa b'konformità mal-Artikoli 8 u 9 tad-Direttiva EIA ([3]), inkluża informazzjoni dwar kif kienet magħmula disponibbli għall-pubbliku.

< tip='S' tul massimu='1750' input='M'>

F.3.4 *Meta kopert bl-Anness II ta' dik id-Direttiva, twettqet EIA? <tip='C' input='M'>*

Iva ☐ Le ☐

— Jekk it-tweġiba hija "Iva", jekk jogħġbok, inkludi d-dokumenti neċessarji elenkati taħt il-punt F.3.3

— Jekk it-tweġiba hija "Le", jekk jogħġbok, inkludi l-informazzjoni li ġejja:

(a) Id-determinazzjoni mitluba fl-Artikolu 4(4) tad-Direttiva EIA (magħrufa bħala "deċiżjoni dwar l-iskrinjar").

(b) Il-limiti, il-kriterji jew l-eżami każ b'każ imwettaq sabiex intlaħqet il-konklużjoni li ma kinitx meħtieġa EIA (din l-informazzjoni mhijiex meħtieġa jekk diġà hija inkluża fid-deċiżjoni msemmija taħt il-punt (a) hawn fuq).

(c) Spjegazzjoni tar-raġunijiet għala l-proġett ma għandu ebda effetti ambjentali sinifikanti, filwaqt li jitqiesu l-kriterji tal-għażla rilevanti elenkati fl-Anness III tad-Direttiva EIA (din l-informazzjoni mhijiex meħtieġa jekk diġà hija inkluża fid-deċiżjoni msemmija taħt il-punt (a) hawn fuq).

< tip='S' tul massimu='1750' input='M'>

F.3.5 *Kunsens għall-iżvilupp/permess tal-kostruzzjoni (skont ma japplika)*

F.3.5.1. Il-proġett diġà jinsab fil-fażi ta' kostruzzjoni (mill-inqas kuntratt wieħed ta' xogħlijiet)? *<tip='C' input='M'>*

Iva* ☐ Le ☐

F.3.5.2. Diġà ngħata l-kunsens għall-iżvilupp/il-permess tal-kostruzzjoni għal dan il-proġett (għal mill-inqas kuntratt wieħed ta' xogħlijiet)? <tip='C' input='M'>

Iva ☐ Le (*) ☐

(*) Proġetti f'fażi ta' kostruzzjoni ('Iva' bi tweġiba għall-mistoqsija F.3.5.1.) u mingħajr kunsens għall-iżvilupp/permess tal-kostruzzjoni għal mill-inqas kuntratt wieħed ta' xogħlijiet fi żmien is-sottomissjoni tagħhom lill-Kummissjoni Ewropea mhumiex ammissibbli mill-Kummissjoni

F.3.5.3. Jekk "Iva" (għal F 3.5.2.), f'liema data

<tip='D' input='M'>

F.3.5.4. Jekk "Le" (għal F 3.5.2.), meta kienet introdotta t-talba formali għall-kunsens għall-iżvilupp:

<tip='D' input='M'>

([1]) L-informazzjoni addizzjonali għandha tiffoka fuq elementi magħżula tal-proċedura EIA li hija importanti għall-proġett (eż. analiżi tad-dejta, studji u valutazzjonijiet, konsultazzjonijiet addizzjonali mal-awtoritajiet kompetenti u mal-pubbliku, id-determinazzjoni ta' miżuri addizzjonali ta' kumpens/mitigazzjoni, deċiżjoni dwar "skrinjar" addizzjonali, eċċ., meta aktarx li jkunu identifikati bidliet fil-proġett) li hemm bżonn titwettaq, b'mod partikolari bħala parti mill-proċessi tal-kunsens għall-iżvilupp f'diversi stadji.

([2]) Imħejji b'konformità mal-Artikolu 5 u l-Anness IV tad-Direttiva 2011/92/UE.

([3]) Fil-każijiet fejn il-proċedura tal-EIA tkun intemmet b'deċiżjoni legalment vinkolanti, sakemm jinħareġ il-kunsens tal-iżvilupp skont l-Artikoli 8 u 9 tad-Direttiva 2011/92/UE, id-disponibilità ta' impenn bil-miktub mill-Istati Membri għal azzjoni f'waqtha biex jiġi żgurat li l-kunsens għall-iżvilupp jinħareġ sa mhux aktar tard minn qabel il-bidu tax-xogħlijiet.

F.3.5.5. Jekk "Le" (għal F 3.5.2.), speċifika l-passi amministrattivi mwettqa s'issa u ddeskrivi dawk li fadal:

< tip='S' tul massimu='1750' input='M'>

F.3.5.6. Sa liema data hija mistennija d-deċiżjoni (jew id-deċiżjonijiet) finali?

<tip='D' input='M'>

F.3.5.7. Speċifika l-awtorità (jew l-awtoritajiet) kompetenti li tat jew se tagħti l-kunsens għall-iżvilupp:

< tip='S' tul massimu='1750' input='M'>

F.4. **L-applikazzjoni tad-Direttiva 92/43/KEE dwar il-konservazzjoni tal-ħabitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa** [1] **(id-Direttiva dwar il-Ħabitats); valutazzjoni dwar l-effetti fuq siti Natura 2000**

F.4.1. *Hemm il-probabilità li l-proġett ikollu effetti negattivi sinifikanti, individwalment jew f'kombinazzjoni ma' proġetti oħra, fuq siti inklużi jew li hemm il-ħsieb li jiġu inklużi fin-netwerk Natura 2000? <tip='C' input='M'>*

Iva ☐ Le ☐

F.4.2 *Jekk it-tweġiba għall-mistoqsija F.4.1 hija "Iva", jekk jogħġbok, ipprovdi:*

(1) id-deċiżjoni tal-awtorità kompetenti u l-valutazzjoni xierqa mwettqa skont l-Artikolu 6(3) tad-Direttiva dwar il-Ħabitats;

(2) jekk l-awtorità kompetenti ddeterminat li l-proġett għandu effetti negattivi sinifikanti fuq sit wieħed jew iktar inkluż jew li hemm il-ħsieb li jiġi inkluż fin-netwerk Natura 2000, jekk jogħġbok, ipprovdi:

(a) kopja tal-formola ta' notifika standard Informazzjoni lill-Kummissjoni Ewropea skont l-Artikolu 6(4) tad-Direttiva dwar il-Ħabitats [2], kif notifikata lill-Kummissjoni (DĠ Ambjent) u/jew;

(b) opinjoni tal-Kummissjoni taħt l-Artikolu 6(4) tad-Direttiva dwar il-Ħabitats f'każ ta' proġetti li jħallu impatti sinifikanti fuq ħabitats u/jew speċi ta' prijorità u li huma ġġustifikati minn raġunijiet imperattivi ta' interess pubbliku minbarra s-saħħa tal-bniedem u s-sikurezza pubblika jew konsegwenzi ta' benefiċċju ta' importanza ewlenija għall-ambjent.

F.4.3 *Jekk it-tweġiba għall-mistoqsija F.4.1 hija "Le", jekk jogħġok, ehmeż dikjarazzjoni kompluta tal-Appendiċi 1 mimlija mill-awtorità kompetenti u l-mappa li tindika l-post tal-proġett u s-siti Natura 2000. Għal proġett maġġuri mhux infrastrutturali (eż xiri ta' tagħmir), dan għandu jkun spjegat hawn taħt u, f'dak il-każ, mhuwiex obbligatorju li tiġi mehnuża dikjarazzjoni bħal din.*

tip='S' tul massimu='1750' input='M'>

F.5. **L-applikazzjoni tad-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill** [3] **(id-"Direttiva Qafas dwar l-Ilma"); valutazzjoni tal-effetti fuq korpi tal-ilma**

F.5.1 *F'każ li mhix issodisfata l-kundizzjonalità ex ante korrispondenti, skont l-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013, uri r-rabta mal-pjan ta' azzjoni miftiehem*

< tip='S' tul massimu='1750' input='M'>

(1) Id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-ħabitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa (ĠU L 206, 22.7.1992, p. 7).

(2) Verżjoni riveduta adottata mill-Kumitat dwar l-Ambjenti Naturali fis-26.4.2012 http://ec.europa.eu/environment/nature/natura2000/management/guidance_en.htm#art6

(3) Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma (ĠU L 327, 22.12.2000, p. 1).

F.5.2 *Il-proġett jinvolvi modifikazzjoni ġdida fil-karatteristiċi fiżiċi ta' korp tal-ilma tal-wiċċ jew alterazzjonijiet fil-livell ta' korpi ta' ilma ta' taħt l-art li jiddeterjoraw l-istat ta' korp tal-ilma jew li jikkawżaw nuqqas li jinkiseb stat/potenzjal ta' ilma tajjeb? <tip='C' input='M'>*

Iva ☐ Le ☐

F.5.2.1. Jekk it-tweġiba hija "Iva", jekk jogħġbok, ipprovdi l-valutazzjoni tal-impatti fuq il-korp tal-ilma u spjegazzjoni dettaljata dwar kif il-kundizzjonijiet kollha taħt l-Artikolu 4.7 tad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma ġew/se jiġu ssodisfati.

Indika wkoll jekk il-proġett jirriżultax minn strateġija nazzjonali/reġjonali f'relazzjoni mas-settur rilevanti u/jew minn pjan tal-immaniġġjar tal-baċin ta' xmara, li jieħu inkonsiderazzjoni l-fatturi rilevanti kollha (eż. għażla ambjentali aħjar, effetti kumulattivi, eċċ.)? Jekk inhu hekk, jekk jogħġbok, ipprovdi d-dettalji sħaħ.

< tip='S' tul massimu='3500' input='M'>

F.5.2.2. Jekk it-tweġiba hija "Le", jekk jogħġbok, ehmeż dikjarazzjoni kompluta tal-Appendiċi 2 mimlija mill-awtorità kompetenti. Għal proġett maġġuri mhux infrastrutturali (eż xiri ta' tagħmir), dan għandu jkun spjegat hawn taħt u, f'dak il-każ, mhuwiex obbligatorju li tiġi mehnuża dikjarazzjoni bħal din.

tip='S' tul massimu='1750' input='M'>

F.5.3 *Jekk jogħġbok, spjega kif il-proġett jaqbel mal-objettivi tal-Pjan tal-Immaniġġjar tal-Baċin ta' Xmara li ġew stabbiliti għall-korpi tal-ilma rilevanti.*

< tip='S' tul massimu='1750' input='M'>

F.6. **Fejn hu applikabbli, informazzjoni dwar il-konformità ma' direttivi ambjentali oħrajn**

F.6.1 *L-Applikazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 91/271/KEE ([1]) (id-"Direttiva UWWT") — proġetti fis-settur tal-ilma urban mormi*

(1) Jekk jogħġbok, imla l-Appendiċi 3 tal-Formola ta' Applikazzjoni (it-tabella li tirrigwarda l-konformità mad-Direttiva UWWT).

(2) Jekk jogħġbok, spjega kif il-proġett huwa konsistenti mal-pjan jew programm assoċjat mal-implimentazzjoni tad-Direttiva UWWT.

< tip='S' tul massimu='1750' input='M'>

F.6.2 *L-applikazzjoni tad-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) (id-"Direttiva Qafas dwar l-Iskart") — proġetti fis-settur tal-immaniġġjar tal-iskart*

F.6.2.1. F'każ li mhix issodisfata l-kundizzjonalità *ex ante* korrispondenti, skont l-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013, uri r-rabta mal-pjan ta' azzjoni miftiehem.

< tip='S' tul massimu='1750' input='M'>

F.6.2.2. Jekk jogħġbok, spjega kif il-proġett jissodisfa l-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 1 tad-Direttiva Qafas dwar l-Iskart. B'mod partikolari, kif il-proġett huwa konsistenti mal-pjan rilevanti għall-immaniġġjar tal-iskart (l-Artikolu 28), il-ġerarkija tal-iskart (l-Artikolu 4), u kif il-proġett jikkontribwixxi għall-kisba tal-miri ta' riċiklaġġ tal-2020 (l-Artikolu 11 (2)).

< tip='S' tul massimu='3500' input='M'>

([1]) Id-Direttiva tal-Kunsill 91/271/KEE tal-21 ta' Mejju 1991 dwar it-trattament tal-ilma-skart urban (ĠU L 135, 30.5.1991, p. 40).
([2]) Id-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar l-iskart u li tħassar ċerti Direttivi (ĠU L 312, 22.11.2008, p. 3).

F.6.3 *L-applikazzjoni tad-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill* [1] *(id-"Direttiva dwar l-Emissjonijiet Industrijali") — Proġetti li jirrikjedu l-għoti ta' permess taħt dik id-Direttiva*

Jekk jogħġbok, spjega kif il-proġett huwa konformi mar-rekwiżiti tad-Direttiva 2010/75/UE, b'mod partikolari mal-obbligu li jopera b'konformità ma' permess integrat ibbażat fuq l-Aħjar Tekniki Disponibbli (BAT) u, fejn hu applikabbli, mal-valuri limitu ta' emissjonijiet stabbiliti f'dik id-Direttiva.

< tip='S' tul massimu='3500' input='M'>

F.6.4 *Kull direttiva ambjentali rilevanti oħra (jekk jogħġbok, spjega hawn taħt)*

< tip='S' tul massimu='3500' input='M'>

F.7. **L-ispiża tal-miżuri meħuda sabiex jiġu mmitigati u/jew ikkumpensati impatti ambjentali negattivi, b'mod partikolari li jirriżultaw mill-proċedura EIA u proċeduri oħrajn ta' valutazzjoni (bħalma huma d-Direttiva dwar il-Ħabitats, id-Direttiva Qafas dwar l-Ilma, id-Direttiva dwar l-Emissjonijiet Industrijali) jew minn rekwiżiti nazzjonali/reġjonali**

F.7.1. *F'każ ta' tali spejjeż, ġew inklużi fl-Analiżi tal-Ispejjeż u tal-Benefiċċji? <tip='C' input='M'>*

Iva ☐ Le ☐

F.7.2. *Jekk dawn l-ispejjeż huma inklużi fl-ispejjeż totali, jekk jogħġbok, agħti stima tal-proporzjon tal-ispiża tal-miżuri meħuda sabiex jitnaqqsu u/jew jiġu kkumpensati l-impatti ambjentali negattivi.*

% *<tip='P' input='M'>*

Jekk jogħġbok, spjega l-miżuri fil-qosor

< tip='S' tul massimu='1750' input='M'>

F.8. **IL-MITIGAZZJONI TAT-TIBDIL FIL-KLIMA U L-ADATTAMENT GĦALIH, U R-REŻILJENZA GĦAD-DIŻASTRI**

F.8.1. *Spjega kif il-proġett jikkontribwixxi għall-miri tat-tibdil fil-klima b'konformità mal-istrateġija tal-UE għall-2020, inkluża informazzjoni dwar in-nefqa relatata mat-tibdil fil-klima b'konformità mal-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 215/2014*

< tip='S' tul massimu='1750' input='M'>

F.8.2. *Spjega kif ir-riskji relatati mat-tibdil fil-klima, il-kunsiderazzjonijiet dwar l-adattament u l-mitigazzjoni, u r-reżiljenza għad-diżastri ttieħdu inkosiderazzjoni.*

(Bħala gwida, jekk jogħġbok ikkunsidra l-mistoqsijiet li ġejjin: Kif kienu vvalutati l-volum ta' gass b'effett ta' serra (GHG) u l-ispiża esterna tal-karbonju? X'inhi l-ispiża parallela ta' GHG u kif kienet integrata fl-analiżi ekonomika? Alternattiva inqas intensa fil-karbonju jew ibbażata fuq sorsi rinnovabbli kienet ikkunsidrata? Saret valutazzjoni tar-riskju tal-klima jew skrinjar tal-vulnerabilità matul il-preparazzjoni tal-proġett? Kwistjonijiet tat-tibdil fil-klima ġew ikkunsidrati bħala parti minn SEA u EIA u dawn ġew ivverifikati mill-awtoritajiet nazzjonali rilevanti? L-analiżi u l-klassifikazzjoni ta' għażliet rilevanti kif ħadu kont ta' kwistjonijiet tal-klima ? Kif il-proġett jirrelata mal-istrateġija nazzjonali u/jew reġjonali għall-adattament għat-tibdil fil-klima? Il-proġett, flimkien mat-tibdil fil-klima għandu xi impatti pożittivi u/jew negattivi fuq il-madwar? Il-bidla fil-klima influwenzat il-post tal-proġett?) [2]

< tip='S' tul massimu='3500' input='M'>

[1] Id-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar l-emissjonijiet industrijali (il-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tniġġis) (ĠU L 334, 17.12.2010, p. 17).

[2] Għal gwida addizzjonali dwar l-adattament/ir-reżiljenza għall-klima, jekk jogħġbok, irreferi għal-linji gwida tad-DĠ KLIMA għall-maniġers ta' proġetti: http://ec.europa.eu/clima/policies/adaptation/what/docs/non_paper_guidelines_project_managers_en.pdf u għad-dokumenti ta' gwida tal-EIA/SEA: http://ec.europa.eu/environment/eia/home.htm

F.8.3. *Spjega x'miżuri ġew adottati fil-proġett sabiex tkun żgurata r-reżiljenza għall-varjabilità tal-klima attwali u għat-tibdil fil-klima fil-ġejjieni*

(Bħala gwida, jekk jogħġbok, ikkonsidra l-mistoqsijiet li ġejjin: it-tibdil fil-klima kif ittieħed inkonsiderazzjoni waqt it-tfassil tal-proġett u tal-komponenti tiegħu, pereżempju fir-rigward ta' forzi esterni (eż. il-forza tar-riħ, il-piż tal-borra, differenzi fit-temperatura) u ta' impatti (eż. mewġiet ta' sħana, drenaġġ, riskju ta' għargħar kif ukoll perjodi twal ta' nixfa li jaffettwaw eż. il-karatteristiċi tal-ħamrija))

< tip='S' tul massimu='1750' input='M'>

G. IL-PJAN TA' FINANZJAMENT LI JURI R-RIŻORSI TA' FINANZJAMENT IPPJANATI TOTALI U L-GĦAJNUNA PPJANATA MILL-FONDI, MILL-BEI, U MIS-SORSI L-OĦRAJN KOLLHA TA' FINANZJAMENT, FLIMKIEN MA' INDIKATURI FIŻIĊI U FINANZJARJI GĦALL-MONITORAĠĠ TAL-PROGRESS, WAQT LI JITQIESU R-RISKJI IDENTIFIKATI

G.1. Ir-riżorsi finanzjarji ppjanati totali u l-għajnuna ppjanata mill-Fondi, mill-BEI, u mis-sorsi l-oħrajn kollha ta' finanzjament

G.1.1. *Is-sorsi ta' kofinanzjament*

L-ispejjeż totali tal-investiment tal-proġett għandhom jitħallsu mis-sorsi li ġejjin:

Sors tal-finanzjament tal-ispiża totali tal-investiment (EUR)					Li minnhom (bħala Tagħrif
Kost totali [C.1.12.(A)]	Appoġġ mill-Unjoni [1]	Pubbliku nazzjonali (jew ekwivalenti)	Privat nazzjonali	Sorsi oħrajn (speċifika)	Is-self mill-BEI/ FEI:
(a) = (b) + (c) + (d) + (e)	(b)	(c)	(d)	(e)	(f)
<tip='N' input='G'>	*<tip='N' input='M'>*	*<tip='N' input='M'>*	*<tip='N' input='M'>*	*<tip='N' input='M'>*	*<tip='N' input='M'>*

[1] L-appoġġ mill-Unjoni għandu jikkorrispondi għall-ammont speċifikat fil-ftehim imsemmi fl-Artikolu 125 paragrafu 3 c).

G.1.2. *Pjan annwali tan-nefqa totali eliġibbli li trid tiġi ddikjarata lill-Kummissjoni (indikatur finanzjarju għall-monitoraġġ tal-progress)*

In-nefqa totali eliġibbli li tiġi ddikjarata lill-Kummissjoni għandha tiġi ppreżentata aktar' l isfel f'termini tas-sehem annwali f'EUR (indikattiv). Fil-każ ta' proġett maġġuri kofinanzjat minn aktar minn Programm Operattiv wieħed, il-pjan annwali għandu jiġi ppreżentat b'mod separat għal kull Programm Operattiv. F'każ ta' proġett maġġuri kofinanzjat minn iktar minn assi prijoritarju wieħed, il-pjan annwali għandu jiġi ppreżentat separatament għal kull assi prijoritarju.

(f'EUR)	2014	2015	2016	2017	2018	2019	2020	2021	2022	2023	Nefqa eliġibbli totali
Assi prijoritarju ta' PO1	*<tip='N' input='M'>*	*<tip='N' input='M'>*	*<tip='N' input='M'>*	*<tip='N' input='M'>*	*<tip='N' input='M'>*	*<tip='N' input='M'>*	*<tip='N' input='M'>*	*<tip='N' input='M'>*	*<tip='N' input='M'>*	*<tip='N' input='M'>*	*<tip='N' input='G'>*
Assi prijoritarju ta' PO1											
Assi prijoritarju ta' PO2											
Assi prijoritarju ta' PO2											

G.1.3. *Sorsi oħrajn ta' finanzjament tal-Unjoni*

G.1.3.1 Saret applikazzjoni għal assistenza minn xi sors tal-UE ieħor (il-Bażit TEN-T, il-FNE, LIFE+, Orizzont 2020, sorsi oħrajn ta' finanzi tal-Unjoni) għal dan il-proġett? <*tip='C' input='M'*>

Iva ☐ Le ☐

Jekk iva, jekk jogħġbok, agħti dettalji (il-programm tal-UE kkonċernat, in-numru ta' referenza, id-data, l-ammont mitlub, l-ammont mogħti, eċċ.):

< *tip='S' tul massimu='1750' input='M'*>

G.1.3.2 Dan il-proġett huwa komplimentari għal xi proġett diġà ffinanzjat jew li se jiġi ffinanzjat mill-FEŻR, mill-FSE, mill-Fond ta' Koeżjoni, mill-FNE, jew minn sors ieħor ta' finanzi tal-Unjoni? <*tip='C' input='M'*>

Iva ☐ Le ☐

Jekk iva, agħti dettalji (is-sors tal-kontribuzzjoni tal-UE, in-numru ta' referenza, id-data, l-ammont mitlub, l-ammont mogħti, eċċ.):

< *tip='S' tul massimu='1750' input='M'*>

G.1.3.3 Saret xi applikazzjoni għal appoġġ għal self jew għal ishma mill-BEI jew mill-FEI għal dan il-proġett? <*tip='C' input='M'*>

Iva ☐ Le ☐

Jekk iva, jekk jogħġbok, agħti dettalji (l-istrument finanzjarju kkonċernat, in-numru ta' referenza, id-data, l-ammont mitlub, l-ammont mogħti, eċċ.):

< *tip='S' tul massimu='1750' input='M'*>

G.1.3.4 Saret applikazzjoni għal assistenza minn xi sors tal-UE ieħor (inklużi l-FEŻR, il-FSE, il-Fond ta' Koeżjoni, il-BEI, il-FEI, jew sorsi oħrajn ta' finanzi tal-Unjoni) għal xi fażi aktar bikrija ta' dan il-proġett (inklużi l-fażijiet ta' fattibilità u ta' tħejjija)? <*tip='C' input='M'*>

Iva ☐ Le ☐

Jekk iva, jekk jogħġbok agħti dettalji (is-sors tal-kontribuzzjoni tal-UE, in-numru ta' referenza, id-data, l-ammont mitlub, l-ammont mogħti, eċċ.):

< *tip='S' tul massimu='1750' input='M'*>

G.1.4. *Il-kostruzzjoni tal-infrastruttura se titwettaq permezz ta' sħubija pubblika-privata (PPP)* ([1]) ? <*tip='C' input='M'*>

Iva ☐ Le ☐

Jekk iva, jekk jogħġbok, iddeskrivi l-forma tal-PPP (jiġifieri l-proċess tal-għażla tas-sieħeb privat, l-istruttura tal-PPP, l-arranġamenti dwar is-sjieda tal-infrastruttura inkluż mat-terminazzjoni tal-arranġamenti PPP meta tintlaħaq il-maturità jew b'mod ieħor, l-arranġamenti tal-allokazzjoni tar-riskju, eċċ.). Barra minn hekk ipprovdi r-riżultati tal-kalkolu tal-FRR(Kp) u l-paragun tiegħu mal-punti ta' riferiment nazzjonali dwar il-profittabilità mistennija fit-tali settur.

< *tip='S' tul massimu='1750' input='M'*>

([1]) Fis-sens tal-Artikolu 62 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013.

G.1.5. *Jekk strumenti finanzjarji* ([1]) *se jintużaw għall-finanzjament tal-proġett, jekk jogħġbok, iddeskrivi l-forma tal-istrumenti finanzjarji (strumenti ta' ekwità jew tad-dejn):*

< tip='S' tul massimu='1750' input='M'>

G.1.6 *L-impatt tal-għajnuna tal-Unjoni fuq l-implimentazzjoni tal-proġett*

L-għajnuna tal-Unjoni se:

a) taċċellera l-implimentazzjoni tal-proġett? *<tip='C' input='M'>*

Iva ☐ Le ☐

Jekk iva, jekk jogħġbok, speċifika kif u sakemm se taċċellera l-implimentazzjoni. Jekk le, jekk jogħġbok spjega għaliex.

< tip='S' tul massimu='1750' input='M'>

b) tkun essenzjali għall-implimentazzjoni tal-proġett? *<tip='C' input='M'>*

Iva ☐ Le ☐

Jekk iva, jekk jogħġbok, speċifika kemm se tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni. Jekk le, jekk jogħġbok, iġġustifika l-ħtieġa tal-għajnuna tal-Unjoni

<tip='S' tul massimu='1750' input='M'>

G.2. **Indikaturi tal-output** ([2]) **u indikatur fiżiku għall-monitoraġġ tal-progress**

Niżżel fit-tabella pprovduta l-indikaturi ta' produzzjoni, inklużi l-indikaturi komuni kif speċifikat fil-programm(i) operattiv(i) u indikaturi fiżiċi oħrajn għall-monitoraġġ tal-progress. Il-volum ta' informazzjoni se jiddependi fuq il-kumplessità tal-proġetti, iżda l-indikaturi ewlenin biss għandhom jiġu ppreżentati.

PO (CCI)	Assi ta' prijorità	Isem tal-indikatur	L-unità ta' kejl	Il-valur immirat tal-proġett maġġuri	Sena mmirata
<tip='S' input='S'>	*<tip='S' input='S'>*	*Komuni: <tip='S' input='S'>* *Oħrajn: <tip='S' input='M'>*	*Komuni: <tip='S' input='S'>* *Oħrajn: <tip='S' input='M'>*	*<tip='S' input='M'>*	*<tip='N' input='M'>*

G.3. **Valutazzjoni tar-riskju**

Jekk jogħġbok, ippreżenta sommarju qasir tar-riskji ewlenin għall-implimentazzjoni fiżika u finanzjarja b'suċċess tal-proġett u l-miżuri proposti għall-mitigazzjoni tar-riskju

<tip='S' tul massimu='3500' input='M'>

([1]) Fis-sens tal-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013.
([2]) Kif rikjest fl-Artikolu 101(1)(h) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013.

H. L-ISKEDA TA' ŻMIEN GĦALL-IMPLIMENTAZZJONI TAL-PROĠETT MAĠĠURI

Fejn il-perjodu ta' implimentazzjoni huwa mistenni li jkun itwal mill-perjodu ta' programmazzjoni, trid tiġi pprovduta l-iskeda ta' żmien tal-fażijiet li għalihom qed tintalab l-għajnuna mill-fondi matul il-perjodu 2014-2020.

H.1. **Skeda ta' żmien tal-proġett**

Jekk jogħġbok, hawn taħt agħti l-iskeda ta' żmien għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-proġett kollu u ehmeż skeda fil-qosor tal-kategoriji prinċipali tax-xogħlijiet (jiġifieri ċart Gantt, fejn tkun disponibbli). Fejn l-applikazzjoni tikkonċerna stadju minn proġett, indika b'mod ċar fit-tabella l-elementi tal-proġett kollu li għalih tkun qed tintalab l-għajnuna permezz ta' din l-applikazzjoni:

	Id-data tal-bidu (A) [1]	Data tat-tmiem (B) [1]
1. Studji ta' fattibilità *(jew pjan tan-negozju jekk inhu investiment produttiv)*:	*<tip='D' input='M'>*	*<tip='D' input='M'>*
2. L-analiżi tal-ispejjeż u tal-benefiċċji:	*<tip='D' input='M'>*	*<tip='D' input='M'>*
3. L-istima tal-impatt ambjentali:	*<tip='D' input='M'>*	*<tip='D' input='M'>*
4. L-istudji ta' disinn:	*<tip='D' input='M'>*	*<tip='D' input='M'>*
5. It-tħejjija tad-dokumentazzjoni(jiet) tas-sejħa għall-offerti:	*<tip='D' input='M'>*	*<tip='D' input='M'>*
6. Il-proċedura(i) tas-sejħa għall-offerti:	*<tip='D' input='M'>*	*<tip='D' input='M'>*
7. L-akkwist tal-art:	*<tip='D' input='M'>*	*<tip='D' input='M'>*
8. Il-kunsens għall-iżvilupp:	*<tip='D' input='M'>*	*<tip='D' input='M'>*
9. Il-fażi/kuntratt tal-bini:	*<tip='D' input='M'>*	*<tip='D' input='M'>*
10. Il-fażi operattiva:	*<tip='D' input='M'>*	*<tip='D' input='M'>*

[1] Jekk diġà lest — jekk jogħġbok, agħti d-data eżatta, jekk ippjanat biss — agħti għall-inqas ix-xahar u s-sena.

H.2. **Il-maturità tal-proġett**

Jekk jogħġbok, iddeskrivi l-iskeda ta' żmien tal-proġett (J.1) f'termini tal-progress tekniku u finanzjarju u l-maturità kurrenti tal-proġett taħt l-intestaturi li ġejjin:

H.2.1. *Tekniku (studji ta' fattibilità, tfassil tal-proġett, eċċ.):*

< tip='S' tul massimu='1750' input='M'>

H.2.2. *Amministrattiv b'referenza minima għal awtorizzazzjonijiet neċessarji bħalma huma l-EIA, il-kunsens għall-iżvilupp, deċiżjonijiet territorjali/ta' ppjanar, xiri ta' art (jekk rilevanti), akkwist pubbliku, eċċ.:*

< tip='S' tul massimu='1750' input='M'>

H.2.3 *Akkwist pubbliku:*

Jekk jogħġbok, imla l-informazzjoni fit-tabella ta' hawn taħt

Isem tal-kuntratt	Tip ta' kuntratt (xogħlijiet/ provvisti/ servizzi)	Valur (attwali jew mistenni)	Korp responsabbli mill-kuntratt	Data tal-pubblikazzjoni tas-sejħa għall-offerti (attwali jew ippjanata)	Data tat-temmija tal-evalwazzjoni tas-sejħiet għall-offerti (attwali jew ippjanata)	Data tal-iffirmar tal-kuntratt (attwali jew ippjanata)	Ref. (Il-Ġurnali Uffiċjali tal-UE eċċ.) jekk rilevanti
<tip='S' input='M'>	*<tip='S' input='S'>*	*<tip='N' input='M'>*	*tip='S' tul massimu='300' input='M'*	*<tip='D' input='M'>*	*<tip='D' input='M'>*	*<tip='D' input='M'>*	*tip='S' tul massimu='00' input='M'*

H.2.4. *Finanzjarju (deċiżjonijiet ta' impenn fejn għandha x'taqsam in-nefqa pubblika nazzjonali, self mitlub jew mogħti, eċċ. — agħti r-referenzi):*

< tip='S' tul massimu='1750' input='M'>

H.2.5. *Jekk il-proġett diġà beda, indika l-istat kurrenti tal-implimentazzjoni:*

< tip='S' tul massimu='1750' input='M'>

I. IL-PROĠETT HUWA SUĠĠETT GĦAL PROĊEDURA LEGALI DWAR NUQQAS TA' KONFORMITÀ MAL-LIĠI TAL-UNJONI? *<TIP='C' INPUT='M'>*

Iva ☐ Le ☐

Jekk iva, jekk jogħġbok, agħti d-dettalji u ġġustifika l-kontribuzzjoni proposta mill-baġit tal-Unjoni f'dan ir-rigward:

< tip='S' tul massimu='1750' input='M'>

J. L-IMPRIŻA KIENET XI DARBA, JEW HIJA ATTWALMENT, SUĠĠETTA GĦAL PROĊEDURA TA' RKUPRU [1] TA' GĦAJNUNA TAL-UNJONI WARA R-RILOKAZZJONI TA' ATTIVITÀ PRODUTTIVA BARRA Ż-ŻONA TAL-PROGRAMM? *<TIP='C' INPUT='M'>*

Iva ☐ Le ☐

Jekk iva, jekk jogħġbok, agħti dettalji u ġġustifika l-kontribuzzjoni proposta mill-baġit tal-Unjoni għall-proġett f'dan ir-rigward:

< tip='S' tul massimu='3500' input='M'>

K. L-INVOLVIMENT TAL-JASPERS FIT-TĦEJJIJA TAL-PROĠETT

K.1. **Il-Jaspers ikkontribwiet għal xi parti mit-tħejjija ta' dan il-proġett? *<tip='C' input='M'>***

Iva ☐ Le ☐

[1] Skont l-Artikolu 71(2) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013.

K.2. **Iddeskrivi l-elementi tal-proġett fejn il-Jaspers tat-kontribut (eż. il-konformità ambjentali, l-akkwist, ir-reviżjoni tad-deskrizzjoni teknika, l-analiżi tal-ispejjeż u tal-benefiċċji).**

< tip='S' tul massimu='1750' input='M'>

L. L-ISTAT TAL-PROĠETT F'RELAZZJONI MAL-ARTIKOLU 102 TAR-REGOLAMENT (UE) NRU 1303/2013

L.1. **F'każ li l-proġett huwa sottomess b'konformità mal-proċedura skont l-artikolu 102(2), il-proġett kien suġġett għall-analiżi tal-kwalità minn esperti indipendenti? *<tip='C' input='M'>***

Iva ☐ Le ☐

Jekk iva, jekk jogħġbok, agħti dettalji u ġġustifika l-bidla tal-proċedura tas-sottomissjoni tal-proġett lill-KE:

< tip='S' tul massimu='1750' input='M'>

M. SOMMARJU TAR-REVIŻJONIJIET FIL-FORMOLA TAL-APPLIKAZZJONI F'KAŻ LI L-PROĠETT MAĠĠURI HUWA SUĠĠETT GĦAL MODIFIKA

< tip='S' tul massimu='3500' input='M'>

N. L-APPROVAZZJONI TA' AWTORITÀ KOMPETENTI NAZZJONALI

Jien nikkonferma li l-informazzjoni li ġiet ippreżentata f'din il-formola hija preċiża u korretta.

Isem	*<tip='S' tul massimu=255 input='M'>*
(Iffirmat elettronikament permezz ta' SFC2014)	*< tip='S' input='G' >*
Organizzazzjoni (Awtorità/Awtoritajiet tal-Ġestjoni)	*<tip='S' tul massimu=1000 input='M'>*
Data	*< tip="D" input="G" >*

Appendiċi 1 ([1])

DIKJARAZZJONI TAL-AWTORITÀ RESPONSABBLI MILL-MONITORAĠĠ TAS-SITI NATURA 2000

L-Awtorità Responsabbli .....

Wara li eżaminat l-applikazzjoni tal-proġett .....

Għall-proġett li se jkun jinsab fi.....

Tiddikjara li mhuwiex probabbli li l-proġett ikollu effetti sinifikanti fuq sit *NATURA 2000* għar-raġunijiet li ġejjin:

Għaldaqstant valutazzjoni xierqa rikjesta mill-Artikolu 6(3) tad-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE ([2]) ma kinitx meqjusa neċessarja.

Qiegħda tiġi mehmuża mappa fuq skala ta' 1:100 000 (jew l-eqreb skala possibbli), li tindika l-post fejn jinsab il-proġett kif ukoll is-siti *NATURA 2000* ikkonċernati, jekk hemm.

Data (jj/xx/ssss): .....

Iffirmat:.....

Isem:.....

Kariga: .....

Organizzazzjoni:.....

(L-awtorità responsabbli mill-monitoraġġ tas-siti *NATURA 2000*)

Siġill Uffiċjali:

([1]) Fil-każijiet fejn il-proċedura tal-EIA tkun intemmet b'deċiżjoni legalment vinkolanti, sakemm jinħareġ il-kunsens tal-iżvilupp skont l-Artikoli 8 u 9 tad-Direttiva 2011/92/UE, id-disponibilità ta' impenn bil-miktub mill-Istati Membri għal azzjoni f'waqtha biex jiġi żgurat li l-kunsens għall-iżvilupp jinħareġ sa mhux aktar tard minn qabel il-bidu tax-xogħlijiet.

([2]) Id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-ħabitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa (ĠU L 206, 22.7.1992, p. 7).

Appendiċi 2

DIKJARAZZJONI TAL-AWTORITÀ RESPONSABBLI MILL-ĠESTJONI TAL-ILMA [1]

L-Awtorità Responsabbli .....

Wara li eżaminat l-applikazzjoni tal-proġett .....

Għall-proġett li se jkun jinsab fi.....

Tiddikjara li l-proġett ma jiddeterjorax l-istat tal-korp tal-ilma jew ma jikkawżax nuqqas li jinkiseb l-istat/il-potenzjal ta' ilma tajjeb għar-raġunijiet li ġejjin:

Data (jj/xx/ssss): .....

Iffirmat:.....

Isem:.....

Kariga: .....

Organizzazzjoni:.....

(L-Awtorità Kompetenti identifikata b'konformità mal-Artikolu 3(2) tad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma)

Siġill Uffiċjali:

---

[1] B'konformità mal-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li tistabilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma (ĠU L 327, 22.12.2000, p. 1).

Appendiċi 3

TABELLA DWAR IL-KONFORMITÀ TAL-AGGLOMERAZZJONIJIET SUĠĠETTI GĦALL-FORMOLA TAL-APPLIKAZZJONI, MAD-DIRETTIVA DWAR IT-TRATTAMENT TAL-ILMA URBAN MORMI [1]

Isem l-agglomerazzjoni	Ilmijiet Riċeventi	Skadenzi u perjodi tranżitorji fit-Trattat ta' Adeżjoni	Id-data ppjanata tat-temmija tal-proġett	Stat qabel l-implimentazzjoni (ibbażat fuq il-formola tal-applikazzjoni)							Stat wara l-implimentazzjoni (ibbażat fuq il-formola tal-applikazzjoni)						
				Tagħbija tal-agglomerazzjoni	Ir-rata ta' ġbir	Rata tal-konnessjoni	IAS — sistemi adegwati individwali	Il-kapaċità tal-UWWTP(s) li jservi l-agglomerazzjoni	Livell tat-trattament fis-seħħ	Prestazzjonijiet tat-trattament	Tagħbija tal-agglomerazzjoni	Ir-rata ta' ġbir	Rata tal-konnessjoni	IAS — sistemi adegwati individwali	Il-kapaċità tal-UWWTP(s) li jservi l-agglomerazzjoni	Livell tat-trattament fis-seħħ	Prestazzjonijiet tat-trattament
	SA/NA/ LSA/BW/	(xx/ssss)	(xx/ssss)	(f'e.p.)	(f'% tat-tagħbija)	(f'% tat-tagħbija)	(f'% tat-tagħbija)	(f'e.p.)			(f'e.p.)	(f'% tat-tagħbija)	(f'% tat-tagħbija)	(f'% tat-tagħbija)	(f'e.p.)		
1	2	3	4	5	6	7	8	9	10	11	12	13	14	15	16	17	18

[1] Id-Direttiva tal-Kunsill 91/271/KEE tal-21 ta' Mejju 1991 dwar it-trattament tal-ilma-skart urban (ĠU L 135, 30.5.1991, p. 40).

Noti ta' spjegazzjoni (in-numru jikkorrispondi man-numru fil-kolonna):

1. L-isem tal-agglomerazzjoni(jiet) inkluża(i) fl-applikazzjoni għall-kofinanzjament tal-UE. Innota li l-indikaturi u l-kalkoli relatati mal-ilma mormi għandhom jirreferu għall-agglomerazzjonijiet, mhux għall-muniċipalitajiet, billi agglomerazzjoni tista' tinkludi diversi muniċipalitajiet amministrattivi jew muniċipalità waħda tista' tkun maqsuma f'diversi agglomerazzjonijiet. Meta agglomerazzjoni tkun koperta biss parzjalment minn proġett, jiġifieri, ikun għad hemm parti mit-tagħbija x'tiġi indirizzata, itlob informazzjoni dwar il-pjanijiet futuri għall-kopertura tat-tagħbija tal-agglomerazzjoni li fadal (li hija neċessarja sabiex l-agglomerazzjoni kollha kemm hi tiġi konformi mad-Direttiva).

2. Informazzjoni dwar l-ilmijiet li fihom jintefa' l-ilma mormi u minn fejn jiġbru l-ilma tagħhom: "normali" jew "sensittiv" (l-Artikolu 5 tad-Direttiva UWWT), "estrazzjoni ta' ilma tax-xorb", "ilmijiet għall-għawm", "ilmijiet tal-frott tal-baħar". Jekk jogħġbok, indika l-kriterju, ara l-Anness II ta' din id-Direttiva, uża t-termini li ġejjin: SA Żona Sensittiva NA Żona Normali, LSA Żona Inqas Sensittiva, BW ilmijiet nominati għall-għawm, O direttivi oħra x'jiġu ssodisfati (SA)

3. Jekk ikun applikabbli biss — l-iskadenzi tal-konformità taħt it-Trattat ta' Adeżjoni għal kull agglomerazzjoni koperta mill-proġett għall-ġbir u t-trattament ta' ilma mormi (irreferi kemm għall-miri interim kif ukoll għal dawk finali, jekk applikabbli). Jekk jogħġbok, indika d-data u l-Artikoli rilevanti tad-Direttiva

4. Id-data ppjanata sa meta l-proġett inkluż fl-applikazzjoni għall-kofinanzjament tal-UE jkun implimentat u mitmum.

Il-kolonni 5-11 jirreferu għad-deskrizzjoni tal-agglomerazzjoni fl-istadju meta tiġi ppreżentata l-applikazzjoni għall-kofinanzjament tal-UE

5. It-tagħbija tal-agglomerazzjoni espressa f'e.p. (ekwivalenti tal-popolazzjoni)

6. Ir-rata tal-ġbir — il-kopertura tas-sistemi tal-ġbir tad-drenaġġ (IAS mhux inklużi) jiġifieri t-tagħbija miġbura mis-sistema tal-ġbir f'relazzjoni mat-tagħbija totali tal-agglomerazzjoni kkonċernata f' %.

7. Rata tal-konnessjoni — it-tagħbija miġbura mis-sistema tal-ġbir li hija konnessa mad-WWTP li jservi l-agglomerazzjoni f' %.

8. IAS — il-proporzjon tat-tagħbija miġbura ttrattata mis-sistemi adegwati individwali skont l-Artikolu 3(1) tad-Direttiva f' % tat-tagħbija (sistema li tikseb l-istess livell ta' protezzjoni ambjentali u tkun stabbilita f'każ fejn is-sistema tal-ġbir ma tkunx iġġustifikata jew minħabba li ma tkun tipprovdi ebda benefiċċju ambjentali jew minħabba li tkun tinvolvi spiża eċċessiva). Jekk hija prevista IAS, għandha tingħata deskrizzjoni qasira tat-tip(i) ta' IAS u l-livell ta' trattament li jintlaħaq. NB: l-għan tad-Direttiva għall-agglomerazzjonijiet 'l fuq minn 2 000 e.p.: ir-rata ta' ġbir flimkien mal-IAS għandha tkopri 100 % tat-tagħbija tal-agglomerazzjoni.

9. Il-Kapaċità tal-Impjant(i) tat-Trattament tal-Ilma Mormi Urban f'e.p.

10. Livell tat-trattament — it-trattament ipprovdut mill-Impjant(i) tat-Trattament tal-Ilma Mormi Urban għall-iskariki mill-agglomerazzjoni(jiet) jiġifieri primarju, sekondarju, aktar strett (N, P tneħħija, diżinfettar, eċċ.).

11. Prestazzjoni tat-trattament — konformità mar-rekwiżiti tat-trattament stabbiliti fl-Anness I it-tabelli 1 u 2 (jekk applikabbli).

Il-kolonni 12-18 jirreferu għad-deskrizzjoni tal-agglomerazzjoni prevista wara l-implimentazzjoni tal-proġett inkluż fl-applikazzjoni għall-kofinanzjament. Il-kolonni 13 u 14 — Flimkien mar-rati totali, jekk jogħġbok, indika r-rati li jikkorrispondu mar-riabilitazzjoni tas-sistema tal-ġbir eżistenti, u r-rata li tikkorrispondi mas-sistema tal-ġbir mibnija ġdida. F'każ li r-rata tal-konnessjoni tkun iktar baxxa mir-rata tal-ġbir wara l-implimentazzjoni tal-proġett, għandhom jiġu pprovduti r-raġunijiet għal din id-differenza u l-pjanijiet ta' investiment għall-futur sabiex titnaqqas id-differenza (inklużi l-każi fejn l-utenti ma jkunux iridu konnessjoni mal-kollettur).

15. Jekk ikun rilevanti, jekk jogħġbok, indika kwalunkwe titjib (riabilitata, ġdida, imtejba) fl-IAS inkluża fil-proġett.

16. Jekk jogħġbok, indika wkoll jekk l-impjant(i) humiex totalment ġodda, riabilitati jew imtejba. Il-kapaċità tal-impjanti għandha tkun biżżejjed sabiex tittratta t-tagħbija kollha ġġenerata mill-agglomerazzjoni. F'każ li l-kapaċità totali tal-UWWTP(s) hija inqas mit-tagħbija totali tal-agglomerazzjoni, għandha tingħata spjegazzjoni tar-raġunijiet (eż.: żieda prevista, eċċ.). Barra minn hekk, għandu jiġi spjegat kif il-funzjonament xieraq fuq l-impjanti se jkun żgurat biex jingħeleb il-piż żejjed fuq l-impjanti. Fil-każ li l-impjant(i) huma (fil-parti l-kbira) surdimensjonati, spjegazzjoni tar-raġunijiet għandhom jiġu pprovduti (eż: iż-żieda mbassra ta' tagħbija li tidħol, l-estensjoni tas-sistemi ta' ġbir, aktar konnessjonijiet ta' agglomerazzjonijiet oħra eċċ.).

Appendiċi 4

STUDJI TA' FATTIBILITÀ (JEW PJAN TAN-NEGOZJU F'KAŻ TA' *INVESTIMENT PRODUTTIV*) U ANALIŻI TAL-ISPEJJEŻ U TAL-BENEFIĊĊJI (KIF RIKJEST F'D U E)

Appendiċi 5

MAPPA LI TIDENTIFIKA Ż-ŻONA TAL-PROĠETT U DEJTA ĠEOREFERENZJATA (KIF RIKJEST F'B.3.1)

Appendiċi 6

DOKUMENTAZZJONI MEĦTIEĠA F'F.3.3

ANNESS III

Metodoloġija għat-twettiq tal-analiżi tal-ispejjeż u tal-benefiċċji

1. IL-PRINĊIPJI ĠENERALI

1.1. **L-għan ta' analiżi tal-ispejjeż u tal-benefiċċji (minn hawn 'il quddiem imsemmija bħala "CBA") fil-kuntest tal-Politika ta' Koeżjoni huwa li tappoġġja l-valutazzjoni tal-proġett maġġuri sabiex:**

— tivvaluta jekk il-proġett maġġuri ***huwiex ta' min jiġi*** **kofinanzjat** (minn perspettiva ekonomika);

— tivvaluta jekk il-proġett maġġuri ***jeħtieġx*** **kofinanzjament** (minn perspettiva finanzjarja).

1.2. **Is-CBA għandha tkun:**

— imwettqa kemm jista' jkun malajr fil-fażi tat-tħejjija tal-proġett, ġeneralment fl-aħħar tal-istadju tat-tfassil preliminari tal-proġett;

— meqjusa bħala element ta' applikazzjoni ta' proġett maġġuri li għandu jiġi kkunsidrat flimkien ma' dokumenti oħrajn imħejjija għal proġetti maġġuri inklużi dawk li fihom informazzjoni oħra msemmija fl-Artikolu 101 (1) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013.

1.3. **CBA għandha tkun konformi mal-prinċipji li ġejjin:**

— CBA għandha titwettaq skont objettivi ta' politika stabbiliti minn qabel;

— CBA teħtieġ li tiddefinixxi l-kuntest u l-perspettiva soċjali rilevanti (lokali, reġjonali, nazzjonali, transfruntiera, globali);

— CBA teħtieġ unità ta' kejl komuni (ġeneralment monetarja);

— CBA teħtieġ paragun ta' xenarju tal-investiment il-ġdid ma' xenarju mingħajr l-investiment il-ġdid (analiżi inkrementali ([1]));

— CBA teħtieġ li tiddikjara perjodu ta' referenza, li jkun rilevanti għall-proġett;

— CBA teħtieġ li jiġu kkunsidrati valuri residwi ta' investiment;

— CBA teħtieġ analiżi tar-riskju sabiex tittratta l-inċertezza.

1.4. **CBA ta' proġett maġġuri għandha tinkludi l-elementi elenkati hawn taħt:**

(1) Preżentazzjoni tal-kuntest;

(2) Definizzjoni tal-objettivi;

(3) Identifikazzjoni tal-proġett

(4) Riżultati tal-istudji ta' fattibilità b'analiżi tad-domanda u tal-opzjoni;

(5) Analiżi finanzjarja

(6) Analiżi ekonomika

(7) Il-valutazzjoni tar-riskju

([1]) Fejn proġett maġġuri jikkonsisti f'assi ġdid, id-dħul u l-ispejjeż tal-operat (jew il-benefiċċji u l-ispejjeż fl-analiżi ekonomika) għandhom ikunu dawk tal-investiment il-ġdid.

2. ELEMENTI TAL-ANALIŻI TAL-ISPEJJEŻ U TAL-BENEFIĊĊJI

2.1. **Preżentazzjoni tal-kuntest soċjoekonomiku u definizzjoni tal-objettivi, identifikazzjoni tal-proġett, il-fattibilità tal-proġett b'analiżi tad-domanda u tal-opzjoni**

2.1.1. *Preżentazzjoni tal-kuntest*

Din il-valutazzjoni teħtieġ id-definizzjoni tal-ambitu soċjali, ekonomiku, politiku u l-kuntest istituzzjonali. Il-karatteristiċi ewlenin li għandhom jiġu deskritti jintrabtu ma':

(1) il-kundizzjonijiet soċjoekonomiċi tal-pajjiż/reġjun li huma rilevanti għall-proġett;

(2) l-aspetti politiċi u istituzzjonali, inklużi politiki ekonomiċi eżistenti u pjanijiet ta' żvilupp bl-objettivi politiċi tagħhom;

(3) l-iddotar infrastrutturali u l-forniment ta' servizz kurrenti;

(4) il-perċezzjoni u l-aspettattivi tal-popolazzjoni fir-rigward tas-servizz li għandu jiġi pprovdut.

2.1.2. *Definizzjoni tal-objettivi tal-proġett*

Għandhom jiġu definiti objettivi ċari għall-proġett sabiex jiġi vverifikat li l-investiment iwieġeb għal ħtieġa eżistenti u sabiex jiġu vvalutati r-riżultati u l-impatt tal-proġett. Safejn ikun possibbli l-objettivi għandhom jiġu kkwantifikati permezz ta' indikaturi b'linji bażi u valuri mmirati.

Id-definizzjoni tal-objettivi għandha tintuża sabiex, fejn ikun possibbli u xieraq, tidentifika l-benefiċċji tal-proġett sabiex jiġi vvalutat il-kontribut tal-proġett għall-benessri u sabiex jinkisbu l-objettivi speċifiċi tal-assi prijoritarji tal-programm(i) operazzjonali.

2.1.3. *Identifikazzjoni tal-proġett;*

L-identifikazzjoni tal-proġett maġġuri għandha titwettaq waqt li tieħu inkonsiderazzjoni d-definizzjoni ta' proġett maġġuri stabbilita fl-Artikolu 100 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013, kif ukoll il-prinċipji li ġejjin:

(1) il-proġett jeħtieġ li jkun identifikat b'mod ċar bħala unità ta' analiżi awtosuffiċjenti, jiġifieri, lottijiet tekniċi, fażijiet amministrattivi jew finanzjarji li ma jistgħux jitqiesu li huma operazzjonali fihom infushom, għandhom jiġu analizzati fis-CBA flimkien ma' fażijiet oħra li jinvolvu proġett maġġuri;

(2) iż-żona tal-impatt, il-benefiċjarji finali ([1]) u l-partijiet interessati rilevanti li l-benessri tagħhom tgħodd fl-aggregazzjoni tal-benefiċċji netti għandhoom jitqiesu.

(3) il-korp responsabbli għall-implimentazzjoni huwa identifikat u l-kapaċitajiet tekniċi, finanzjarji u istituzzjonali tiegħu jiġu analizzati.

2.1.4. *Fattibilità tal-proġett b'analiżi tad-domanda u tal-opzjoni*

Studji ta' fattibilità, li normalment ikopru l-aspetti li ġejjin: l-analiżi tad-domanda; analiżi tal-għażliet; teknoloġija disponibbli; il-pjan tal-produzzjoni (inkluż ir-rata ta' utilizzazzjoni tal-infrastruttura); rekwiżiti tal-persunal; l-iskala tal-proġett, il-post, l-inputs fiżiċi, l-għażla taż-żmien u l-implimentazzjoni, fażijiet ta' espansjoni u l-ippjanar finanzjarju; aspetti ambjentali, aspetti ta' mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima (emissjonijiet GĦG), l-effiċjenza tar-riżorsi u r-reżiljenza għall-impatti tat-tibdil fil-klima u d-diżastri naturali, għandhom jitqiesu fl-analiżi tal-kostijiet-benefiċċji (fejn applikabbli).

Għandu jitqies li:

(1) **L-analiżi tal-fattibilità** tidentifika l-limitazzjonijiet potenzjali u s-soluzzjonijiet relatati fir-rigward ta' aspetti tekniċi, ekonomiċi, ambjentali, tal-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u tal-adattament għalih, regolatorji u istituzzjonali. Proġett ikun fattibbli meta t-tfassil tiegħu jissodisfa l-limitazzjonijiet tekniċi, legali, finanzjarji u oħrajn rilevanti għan-nazzjon, għar-reġjun jew għas-sit speċifiku. Diversi għażliet ta' proġetti jistgħu jkunu fattibbli.

Sommarju tar-riżultati tal-istudji ta' fattibilità jrid jiġi ppreżentat fis-CBA. CBA għandha tkun koerenti u kompletament konsistenti mal-informazzjoni ppreżentata fl-istudji ta' fattibilità.

([1]) Il-popolazzjoni li tibbenefika direttament mill-proġett.

(2) **L-analiżi tad-domanda** tidentifika u tikkwantifika l-ħtieġa soċjali għal investiment u tqis bħala minimu:

— id-domanda kurrenti, bl-użu ta' mudelli u ta' dejta attwali;

— id-domanda prevista, minn previżjonijiet makroekonomiċi u tas-settur u stimi tal-elastiċità tad-domanda għall-prezzijiet rilevanti, id-dħul u determinanti ewlenin oħrajn;

— aspetti li jirrigwardaw il-provvista inkluża l-analiżi tal-provvista eżistenti u l-iżviluppi mistennija (fl-infrastruttura);

— l-effett ta' netwerk (jekk ikun hemm).

(3) **L-analiżi tal-opzjoni** titwettaq sabiex jiġu vvalutati u mqabblin opzjonijiet alternattivi differenti li jinstabu ġeneralment fattibbli sabiex jissodisfaw id-domanda eżistenti u futura għall-proġett u sabiex tinstab l-aħjar soluzzjoni. L-opzjonijiet għandhom jitqabblu skont kriterji differenti, inklużi pereżempju aspetti tekniċi, istituzzjonali, ekonomiċi, ambjentali u tat-tibdil fil-klima.

L-analiżi tal-opzjoni għandha titwettaq f'żewġ stadji; l-ewwel stadju jħares lejn l-għażliet strateġiċi bażiċi (jiġifieri t-tip ta' infrastruttura u l-post għall-proġett) u t-tieni stadju jħares lejn soluzzjonijiet speċifiċi fuq il-livell tekonoloġiku. Jekk il-proġett ikun implimentat bħala Shubija Pubblika-Privata, dan it-tieni stadju tal-analiżi għandu jiffoka fuq il-firxa ta' speċifikazzjonijiet ta' output li jistgħu jew li ma jistgħux jiġu inklużi fl-ispeċifikazzjonijiet ta' output tal-proġett ta' Shubija Pubblika-Privata. L-ewwel stadju normalment ikun ibbażat fuq analiżi skont diversi kriterji (prinċipalment kwalitattivi) waqt li t-tieni stadju normalment juża prinċipalment metodi kwantitattivi.

Aspetti ewlenin tal-għażla tal-aħjar opzjoni:

— tiġi pprovduta evidenza li l-proġett magħżul huwa l-aħjar alternattiva bejn l-opzjonijiet varji meqjusa matul l-istudju ta' fattibilità teknika sabiex tiġi ġġustifikata b'mod xieraq is-soluzzjoni mfittxija;

— jekk alternattivi differenti jkollhom l-istess objettiv uniku u esternalitajiet l-istess jew simili ħafna, huwa rrakkomandat li l-għażla tiġi bbażata fuq l-irħas soluzzjoni għal kull unità ta' output prodotta waqt li jitqiesu l-ispejjeż tal-operat u tal-manutenzjoni fit-tul marbutin mal-opzjoni;

— jekk l-output u l-esternalitajiet ikunu differenti f'opzjonijiet differenti (jekk wieħed jassumi li kollha jkollhom l-istess objettiv), l-Istat Membru huwa mħeġġeġ li jwettaq CBA simplifikata għall-opzjonijiet ewlenin ħalli jagħżel l-aħjar opzjoni billi jiddetermina liema opzjoni hija l-iktar favorevoli mill-perspettiva soċjoekonomika u l-għażla għandha tkun ibbażata fuq il-parametri ekonomiċi ta' proġett, inkluż il-Valur Ekonomiku Nett Preżenti (ENPV). Is-CBA simplifikata għandha titwettaq fuq stimi approssimattivi tad-dejta finanzjarja u ekonomika ewlenija, inklużi d-domanda, l-ispiża tal-investiment u l-ispejjeż operattivi, id-dħul, il-benefiċċji diretti u l-esternalitajiet, fejn ikun rilevanti.

2.2. **Analiżi finanzjarja**

Kif inhu stabbilit fl-Artikolu 101(1)(e) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013, għandha tiġi inkluża analiżi finanzjarja fis-CBA.

L-analiżi finanzjarja għandha tinkludi:

(a) valutazzjoni tal-profittabilità tal-investiment u tal-kapital (nazzjonali) proprju;

(b) determinazzjoni tal-kontribuzzjoni (massima) adegwata mill-Fondi;

(c) kontroll tal-vijabilità (sostenibilità) finanzjarja tal-proġett.

L-analiżi finanzjarja, fejn ikun possibbli u xieraq, għandha titwettaq **mill-perspettiva ta' sid il-proġett** u/jew l-operatur b'mod li tippermetti l-verifika tal-flussi tal-flus u tiggarantixxi bilanċ pożittiv sabiex tivverifika s-sostenibilità finanzjarja u sabiex tikkalkula l-indiċijiet tad-dħul finanzjarju mill-proġett tal-investiment u mill-kapital ibbażat fuq flussi ta' flus skontati.

Jekk is-sid u l-operatur ma jkunux l-istess entità, għandha titwettaq **analiżi finanzjarja kkonsolidata**, li teskludi flussi ta' flus bejn is-sid u l-operatur.

Fejn ikun possibbli u xieraq, l-analiżi finanzjarja għandha titwettaq bi **prezzijiet kostanti** (prezzijiet fissi f'sena bażi), imma l-bidliet mistennija fil-prezzijiet relattivi għandhom jitqiesu bħala parti mill-valutazzjoni tar-riskju.

2.2.1. *Il-metodoloġija tal-fluss ta' flus skontat, il-metodu inkrementali u prinċipji oħrajn tal-analiżi finanzjarja*

L-analiżi finanzjarja ta' proġetti ewlenin għandha titwettaq billi jittieħed kont tar-regoli stabbiliti fit-taqsima III (Metodi għall-kalkolu tad-dħul nett skontat ta' operazzjonoijiet li jiġġeneraw dħul net) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 480/2014, inkluż: metodu għall-kalkolu ta' dħul nett skontat (inkluż il-perjodu ta' referenza u l-metodu inkrementali) u l-fluss ta' flus skontati (inkluża r-rata ta' skont finanzjarju f'termini reali).

Id-dejta meħtieġa għat-twettiq tal-analiżi finanzjarja hija kif ġej:

(1) l-ispejjeż tal-investiment, inklużi investimenti fissi, investimenti mhux fissi inklużi spejjeż inizjali, u, fejn xieraq, bidliet fil-kapital operattiv;

(2) l-ispejjeż ta' sostituzzjoni kif definiti fl-Artikolu 17 (a) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 480/2014;

(3) l-ispejjeż tal-operat kif definiti fl-Artikolu 17 (b) u (c) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 480/2014;

(4) id-dħul kif definit fl-Artikolu 16 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 480/2014;

(5) is-sors tal-finanzjament inkluż il-kapital ta' ekwità tal-investitur (pubbliku jew privat), il-kapital mis-self (f'dan il-każ il-ħlas lura tas-self u l-interessi jitqiesu bħala ħruġ tal-proġett fl-analiżi tas-sostenibilità) u kwalunkwe riżorsi finanzjarji addizzjonali bħalma huma għotjiet.

F'setturi fejn dan ikun rilevanti, inkluż is-settur ambjentali, **it-tariffi għandhom jiġu ffissati skont il-prinċipju ta' min iniġġes iħallas waqt li titqies l-affordabilità**, kif inhu stabbilit fit-Taqsima III (Metodu għall-kalkolu ta' dħul nett skontat ta' operazzjonijiet li jiġġeneraw dħul nett) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 480/2014, **u l-irkupru tal-ispejjeż kollha** [1].

Il-konformità mal-prinċipju tal-irkupru tal-ispejjeż kollha tinkludi li:

1) it-tariffi għandhom jimmiraw kemm jista' jkun li jirkupraw l-ispiża tal-kapital, l-ispiża tal-operat u tal-manutenzjoni, inklużi spejjeż ambjentali u ta' riżorsi;

2) l-istruttura tat-tariffi timmassimizza d-dħul tal-proġett qabel is-sussidji pubbliċi, waqt li tqis l-affordabilità.

Il-limitazzjonijiet tal-prinċipju ta' min iniġġes iħallas u tal-prinċipju tal-irkupru tal-ispejjeż kollha fil-ħlasijiet u fit-tariffi tal-utenti:

1) m'għandhomx jipperikolaw is-sostenibilità finanzjarja tal-proġett;

2) bħala regola ġenerali, għandhom jitqiesu bħala restrizzjonijiet temporanji u jinżammu biss sakemm tibqa' teżisti l-affordabilità tal-utenti.

2.2.2. *Ir-riżultati tal-analiżi finanzjarja*

(a) *Evalwazzjoni tal-profittabilità tal-investiment u tal-kapital nazzjonali*

Il-Valur Finanzjarju Nett Preżenti (FNPV) huwa s-somma tar-riżultati meta l-ispejjeż mistennija tal-investiment u tal-operat u sostituzzjoni tal-proġett (skontati) jitnaqqsu mill-valur skontat tad-dħul mistenni.

Ir-Rata Finanzjarja tal-Profitti (FRR) hija r-rata ta' skont li tipproduċi FNPV ta' żero.

Il-profittabilità finanzjarja ta' investiment tiġi vvalutata billi jiġi stmat il-valur finanzjarju nett preżenti u r-rata finanzjarja tal-profitti tal-investiment (**l-FNPV(C) u l-FRR(C)**). Dawn l-indikaturi jqabblu l-ispejjeż tal-investiment mad-dħul nett u jkejlu kemm id-dħul nett tal-proġett huwa kapaċi jħallas lura l-investiment, irrispettivament mis-sorsi ta' finanzjament. F'xi każijiet (fil-kuntest tal-għajnuna mill-Istat u operaturi privati) il-kalkolu ta' FRR (Kp) huwa meħtieġ. Ħlasijiet ta' interessi m'għandhomx jiġu inklużi fil-kalkolu FNPV(C).

Biex proġett ikun jirrikjedi l-kontribuzzjoni tal-Fondi:

FNPV(C) qabel il-kontribuzzjoni tal-UE jrid ikun negattiv u l-FRR(C) trid tkun iktar baxxa mir-rata ta' skont użata fl-analiżi (ħlief għal xi proġetti li jaqgħu taħt ir-regoli tal-għajnuna mill-Istat li għalihom dan jista' ma jkunx rilevanti).

[1] Dispożizzjonijiet leġiżlattivi speċifiċi tal-Unjoni li jeżistu għas-setturi tal-ilma u tal-iskart (jiġifieri: Id-Direttiva Qafas dwar l-Ilma u d-Direttiva Qafas dwar l-Iskart) għandhom jittieħdu inkonsiderazzjoni fl-applikazzjoni ta' dawn il-prinċipji.

Jekk proġett maġġuri juri **profittabilità finanzjarja għolja** (jiġifieri l-FRR(C) tkun sostanzjalment ogħla mir-rata ta' skont finanzjarju), bħala regola ġenerali, jitqies li huwa biżżejjed għall-investitur li jimplimenta l-proġett mingħajr il-kontribuzzjoni tal-Unjoni. Kontribuzzjoni tal-Unjoni tista' tkun iġġustifikata biss jekk jintwera li l-investiment mhuwiex bankabbli minnu nnifsu meta jitqies li r-riskji ta' investitur biex jimplimenta l-proġett, eż proġett **innovattiv ħafna**, ikunu għoljin wisq biex isir l-investiment mingħajr għotja pubblika.

Il-profittabilità finanzjarja tal-kapital (nazzjonali) tiġi vvalutata billi jiġu stmati l-valur finanzjarju nett preżenti u r-rata finanzjarja tal-profitti fuq il-kapital (**l-FNPV(K) u l-FRR(K)**). Dawn l-indikaturi jkejlu kemm id-dħul nett tal-proġett huwa kapaċi jħallas lura r-riżorsi finanzjarji pprovduti mill-fondi nazzjonali (kemm sorsi privati kif ukoll pubbliċi).

Il-kalkolu tal-FNPV(K) u tal-FRR(K) jirrikjedi li:

— ir-riżorsi finanzjarji — netti mill-għajnuna tal-UE — investiti fil-proġett jiġu ttrattati bħala ħruġ mingħajr ma jitqiesu l-ispejjeż tal-investiment;

— il-kontribuzzjonijiet kapitali jiġu kkunsidrati fil-mument meta attwalment jitħallsu għall-proġett jew jiġu rrimborżati (f'każ ta' self);

— ħlasijiet ta' interessi jiġu inklużi fit-tabella tal-analiżi tal-profitti fuq il-kapital (FNPV(K));

— sussidji operattivi ma jiġux inklużi fit-tabella tal-analiżi tal-profitti fuq il-kapital (FNPV(K));

Biex proġett ikun jirrikjedi l-kontribuzzjoni tal-Fondi:

il-FNPV(K) bl-għajnuna tal-Unjoni jrid ikun negattiv jew ugwali għal żero, u l-FRR(K) trid tkun iktar baxxa mir-rata ta' skont jew ugwali għaliha, inkella tkun trid tingħata ġustifikazzjoni xierqa.

Fejn ikun rilevanti, il-profitt fuq il-kapital tal-promotur tal-proġett ukoll jista' jiġi kkalkulat (FRR(Kp)). Dan iqabbel id-dħul nett tal-investiment mar-riżorsi pprovduti mill-promotur: jiġifieri l-ispiża tal-investiment imnaqqsa mill-għotjiet mhux rimborsabbli riċevuti mill-UE u/jew l-awtoritajiet reġjonali. Dan l-eżerċizzju jista' jkun partikolarment utli fil-kuntest tal-għajnuna mill-Istat sabiex jiġi vverifikat li l-intensità tal-għajnuna (assistenza tal-UE u nazzjonali) tipprovdi l-aħjar valur għall-flus bl-għan li l-appoġġ finanzjarju pubbliku jkun limitat għal dak li hu neċessarju sabiex il-proġett ikun ekonomikament jew finanzjarjament vijabbli. Jekk il-proġett mistenni jkollu dħul pożittiv sostanzjali (jiġifieri ogħla b'mod sinifikanti mill-punti ta' riferiment nazzjonali dwar il-profittabilità mistennija fit-tali settur), dan juri li l-għotja riċevuta se ġġib profitti 'l fuq min-normal lill-benefiċjarju u għalhekk il-kontribuzzjoni tal-Unjoni tista' ma tkunx iġġustifikata.

(b) *Determinazzjoni tal-kontribuzzjoni (massima) adegwata mill-Fondi*

Id-determinazzjoni tal-kontribuzzjoni (massima) adegwata mill-Fondi għal proġetti li jiġġeneraw dħul għandha titwettaq b'konformità ma' wieħed mill-metodi għad-determinazzjoni tad-dħul nett potenzjali b'konformità mal-Artikolu 61 (Operazzjonijiet li jiġġeneraw dħul nett wara t-tlestija) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 u l-Anness V tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 u t-Taqsima III tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 480/2014 li jistabbilixxu regoli għall-kalkolu ta' dħul nett skontat ta' operazzjonijiet li jiġġeneraw dħul nett.

(c) *Żgurar tal-vijabilità (sostenibilità) finanzjarja*

L-analiżi tas-sostenibilità finanzjarja hija bbażata fuq previżjonijiet ta' flussi ta' flus mhux skontati. Din tintuża prinċipalment sabiex turi li l-proġett se jkollu biżżejjed riżorsi ta' flus sena b'sena għad-dispożizzjoni tiegħu biex dejjem ikun jista' jkopri n-nefqa għall-investiment u l-operazzjonijiet matul il-perjodu ta' referenza kollu kemm hu.

L-aspetti ewlenin tal-analiżi tas-sostenibilità finanzjarja huma kif ġej:

1) is-sostenibilità finanzjarja tal-proġett tiġi vverifikata billi jiġi kkontrollat li l-fluss nett ta' flus (mhux skontat) kumulat ikun pożittiv (jew żero) fuq bażi annwali u tul il-perjodu sħiħ ta' referenza kkunsidrat;

2) il-flussi netti ta' flus li għandhom jiġu kkunsidrati għal dan il-iskop:

   — tqis l-ispejjeż tal-investiment, ir-riżorsi finanzjarji (nazzjonali u tal-UE) kollha u d-dħul ta' flus kontanti u l-ispejjeż tal-operat u s-sostituzzjoni fil-mument li jiġu mħallsa, ħlas lura ta' obbligazzjonijiet finanzjarji tal-entità kif ukoll il-kontribuzzjonijiet tal-kapital, interessi u taxxi diretti;

   — għandhom jeskludu l-VAT sakemm il-VAT ma tkunx irrekuperabbli;

   — m'għandhomx jieħdu inkonsiderazzjoni l-valur residwu sakemm l-assi ma jkunx attwalment likwidat fl-aħħar sena tal-analiżi kkunsidrata;

3) fil-każ ta' operazzjoni li ma tkunx suġġetta għar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 61 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013, jew kull meta jkunu previsti flussi ta' flus negattivi fil-futur, għandu jiġi indikat kif l-ispejjeż se jkunu koperti b'impenn ċar u fit-tul mill-benefiċjarju/operatur li jipprovdi finanzjament adegwat minn sorsi oħra sabiex tkun żgurata s-sostenibilità tal-proġett;

4) jekk proġetti jaqgħu fi ħdan infrastruttura preeżistenti, bħalma huma proġetti ta' estensjoni tal-kapaċità, għandha tkun ivverifikata s-sostenibilità finanzjarja ġenerali tal-operatur tas-sistema fix-xenarju "ma' proġett" (iktar mill-kapaċità tas-segment estiż uniku) u għandha titwettaq analiżi tas-sostenibilità f'livell tal-operatur u r-riżultati jitqiesu fil-valutazzjoni tar-riskju.

2.2.3. *Analiżi Finanzjarja fi Sħubija Privata-Pubblika (PPP)*

L-aspetti li ġejjin għandhom jittieħdu inkonsiderazzjoni meta titwettaq l-analiżi finanzjarja għal proġetti maġġuri implimentati bħala PPPs:

(1) Ir-rata ta' skont finanzjarju tista' tiżdied iktar mir-rata standard stabbilita fit-Taqsima III (Metodu għall-kalkolu ta' dħul nett skontat ta' operazzjonijiet li jiġġeneraw dħul nett wara t-tlestija) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni sabiex tirrifletti l-ispiża kapitali ta' opportunità akbar li jkollu l-investitur privat. Din l-ispiża ta' opportunità akbar għandha tiġi ġġustifikata mill-benefiċjarju fuq bażi ta' każ b'każ, billi, fejn ikun possibbli, tingħata evidenza dwar id-dħul tas-sieħeb privat fi proġetti simili fil-passat, jew evidenza fattwali oħra rilevanti.

(2) F'każ ta' skemi PPP fejn is-sid tal-infrastruttura jkun differenti mill-operatur, trid titwettaq analiżi finanzjarja kkonsolidata li tkopri kemm is-sid kif ukoll l-operatur.

(3) Sakemm imsieħeb privat ikun magħżul bi proċedura kompetittiva ġusta, trasparenti u miftuħa li tiżgura l-aħjar "valur għall-flus" għall-imsieħeb pubbliku ([1]),, sabiex tiġi vverifikata l-profittabilità finanzjarja tal-kapital privat u jiġi evitat profitt kbir mhux dovut iġġenerat bl-għajnuna tal-UE għandu jiġi kkalkulat indikatur li jkejjel il-profittabilità finanzjarja tal-kapital investit għall-investitur privat (FRR(Kp)) ([2]), bit-tqabbil tad-dħul nett dovut lis-sieħeb privat mar-riżorsi pprovduti matul l-investiment (permezz ta' ekwità jew ta' self). Il-FRR (Kp) li tirriżulta għandha titqabbel mal-punti ta' riferiment nazzjonali jew internazzjonali dwar il-profitabbilità mistennija fit-tali settur.

2.3. **Analiżi ekonomika**

Kif inhu previst fl-Artikolu 101(1)(e) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013, għandha tiġi inkluża analiżi ekonomika fis-CBA.

Analiżi ekonomika hija analiżi li titwettaq bl-użu ta' valuri ekonomiċi, u li tirrifletti l-ispiża ta' opportunità soċjali ta' prodotti u servizzi.

2.3.1. *Stadji ewlenin tal-analiżi ekonomika*

L-analiżi ekonomika għandha titwettaq fi**prezzijiet (paralleli) tal-kontabilità kostanti** u għandha ssir billi l-flussi tal-flus tal-analiżi finanzjarja jittieħdu bħala punt tat-tluq.

L-analiżi ekonomika tinkludi l-istadji li ġejjin:

1. Korrezzjonijiet fiskali għandhom jeskludu t-taxxi indiretti (e.g. VAT, dazju tas-sisa), sussidji u trasferiment pur ta' pagamenti mogħtija minn entità pubblika (eż. ħlasijiet minn sistemi nazzjonali tal-kura tas-saħħa) mill-analiżi ekonomika. Fejn it-taxxi indiretti/sussidji huma maħsuba biex jiġu kkoreġuti għal esternalitajiet, dawn għandhom ikunu inklużi fl-analiżi ekonomika, jekk jitqies li jirriflettu adegwatament il-valur soċjali marġinali tal-esternalitajiet relatati u sakemm ma jkunx hemm għadd doppju ma' spejjeż/benefiċċji ekonomiċi oħra.

2. Il-konverżjoni tal-prezzijiet tas-suq fi prezzijiet (paralleli) tal-kontabilità billi jiġu applikati l-fatturi ta' konverżjoni għall-prezzijiet finanzjarji sabiex issir korrezzjoni għad-distorsjonijiet tas-suq. Jekk il-fatturi ta' konverżjoni ma jkunux disponibbli minn uffiċċju tal-ippjanar nazzjonali u fl-assenza ta' distorsjoni tas-suq sinifikanti għas-simplifikazzjoni l-fattur ta' konverżjoni jista' jiġi stabbilit għal wieħed (CF=1). Il-fatturi ta' konverżjoni jistgħu jkunu ogħla (jew iktar baxxi) minn wieħed meta l-prezzijiet tal-kontabilità jkunu ikbar (jew inqas) mill-prezzijiet tas-suq.

([1]) Il-kundizzjonijiet għandhom ikunu speċifikati fid-dokument ta' gwida nazzjonali dwar PPP.
([2]) Jekk is-sieħeb privat ikun diġà magħżul; jekk le għandu jiġi deskritt kif dan l-aspett se jiġi żgurat.

3. Il-monetizzazzjoni tal-impatti mhux relatati mas-suq (korrezzjonijiet għal esternalitajiet): esternalitajiet għandhom jiġu stmati u vvalutati, kif xieraq, bl-użu ta' metodu ta' preferenza ddikjarat jew żvelat (eż. l-ipprezzar edoniku) jew ta' metodi oħrajn.

L-analiżi ekonomika għandha tqis **effetti diretti biss** sabiex tevita l-għadd doppju waqt li ġeneralment l-ipprezzar parallel u l-valutazzjoni fi flus tal-esternalitajiet jirrappreżentaw effetti indiretti.

Id-**dħul finanzjarju** fil-forma ta' imposti, ħlasijiet u tariffi tal-utenti għandu jiġi eskluż mill-analiżi ekonomika, u sostitwit bi stima tal-effetti diretti fuq l-utenti, jew permezz tad-'disponibilità li jħallsu' jew permezz tal-prezzijiet tal-kontabilità. Il-ħlasijiet, l-imposti u t-tariffi tal-utenti speċjalment f'setturi mhux esposti għall-kompetizzjoni tas-suq, f'setturi rregolati jew influwenzati b'mod qawwi minn konsiderazzjonijiet politiċi m'għandhomx jintużaw bħala indikatur tad-'disponibilità li jħallas' tal-utent.

4. L-iskontar tal-ispejjeż u l-benefiċċji stmati: ladarba l-fluss tal-ispejjeż u tal-benefiċċji ekonomiċi jkun stmat, għandha tiġi applikata l-metodoloġija standard tal-fluss ta' flus skontat bl-użu ta' rata ta' skont soċjali (SDR).

Abbażi tar-Rata Soċjali tal-Preferenza taż-Żmien (SRTP), il-punti ta' riferiment li ġejjin għar-rata ta' skont soċjali huma stmati: 4,95 % għal Stati Membri tal-Koeżjoni u 2,77 % għal Stati Membri oħrajn. Għas-simplifikazzjoni bħala regola ġenerali **għandha tintuża rata ta' skont soċjali ta' 5 % bħala punt ta' riferiment fi Stati Membri tal-Koeżjoni** (il-Bulgarija, il-Kroazja, Ċipru, ir-Repubblika Ċeka, l-Estonja, il-Greċja, l-Ungerija, il-Latvja, il-Litwanja, Malta, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovakkja, is-Slovenja) u ta' **3 % fi Stati Membri oħra** (l-Awstrija, il-Belġju, id-Danimarka, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, l-Irlanda, l-Italja, il-Lussemburgu, il-Pajjiżi l-Baxxi, Spanja, l-Isvezja, ir-Renju Unit).

L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu punt ta' riferiment għar-rata ta' skont soċjali li tkun differenti minn 5 % jew 3 %, bil-kundizzjoni li:

(1) jipprovdu ġustifikazzjoni għal din ir-referenza abbażi tal-previżjoni tat-tkabbir ekonomiku u parametri oħra li jiddeterminaw l-SDR taħt l-approċċ SRTP; u

(2) jiżguraw li japplikawha b'mod konsistenti fi proġetti simili fl-istess pajjiż, reġjun jew settur.

Informazzjoni dwar il-punt ta' riferiment differenti għandha titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-benefiċjarji u tal-Kummissjoni fil-bidu tal-programm operazzjonali.

2.3.2. *Kalkolu tal-indikaturi tal-prestazzjoni ekonomika*

L-**indikaturi tal-prestazzjoni ekonomika** li ġejjin (kif iddefiniti hawn taħt) huma l-indikaturi ewlenin tal-analiżi ekonomika:

(1) Il-**Valur Ekonomiku Nett Preżenti** (ENPV) huwa r-referenza ewlenija għall-valutazzjoni tal-proġett. Dan huwa ddefinit bħala d-differenza bejn il-benefiċċji u l-ispejjeż soċjali totali skontati.

(2) Sabiex proġett maġġuri jkun aċċettabbli mil-lat ekonomiku, il-valur ekonomiku nett preżenti tal-proġett għandu jkun pożittiv **(ENPV > 0)** b'mod li juri li s-soċjetà fit-tali reġjun jew pajjiż tiggwadanja mill-proġett minħabba li l-benefiċċji tiegħu jegħlbu l-ispejjeż u għalhekk il-proġett għandu jkun implimentat.

(3) Ir-**rata ekonomika tal-profitti** (ERR) hija r-rata interna tal-profitti kkalkulata bl-użu tal-valuri ekonomiċi u tesprimi l-profittabilità soċjoekonomika ta' proġett.

(4) Ir-rata ekonomika tal-profitti għandha tkun ikbar mir-rata ta' skont soċjali **(ERR > SDR)** sabiex tiġġustifika l-għajnuna tal-UE għal proġett maġġuri.

(5) Il-**proporzjon bejn il-Benefiċċji u l-Ispejjeż** (B/C) huwa ddefinit bħala l-valur nett preżenti tal-benefiċċji ta' proġett diviż bil-valur nett preżenti tal-ispejjeż ta' proġett.

(6) Il-proporzjon bejn il-Benefiċċji u l-Ispejjeż għandu jkun ikbar minn wieħed **(B/C > 1)** sabiex jiġġustifika l-għajnuna tal-UE għal proġett maġġuri.

Il-benefiċċji ekonomiċi ewlenin għal kull settur li għandhom jitqiesu fl-analiżi ekonomika huma stabbiliti fit-tabella 1. Jistgħu jiżdiedu benefiċċji ekonomiċi addizzjonali jekk ikunu meħtieġa u ġġustifikati. F'xi każi speċifiċi dawn il-benefiċċji jistgħu jsiru spejjeż ekonomiċi, eż. spejjeż ogħla tal-operat tal-vetturi f'ċerti proġetti ta' toroq.

Tabella 1

Settur/Subsettur	Benefiċċji ekonomiċi
Provvista tal-Ilma u Iġene	(i) aċċess imtejjeb għall-ilma tax-xorb u għal servizzi tat-trattament tal-ilma mormi f'termini ta' disponibilità, affidabilità u kwalità tas-servizz (ii) kwalità mtejba tal-ilma tax-xorb (iii) kwalità mtejba tal-ilmijiet tal-wiċċ u preservazzjoni ta' servizzi ta' ekosistema minħabba tnaqqis fit-tniġġis (iv) iffrankar fl-ispiża tar-riżorsi kemm għall-produtturi kif ukoll għall-klijenti (v) saħħa mtejba (vi) tnaqqis fl-emissjonijiet GHG
Immaniġġjar tal-iskart	(i) tnaqqis tal-perikli tas-saħħa u ambjentali (inqas kontaminazzjoni tal-arja, tal-ilma, tal-ħamrija) (ii) tnaqqis tal-ispazju/ispejjeż tal-miżbliet (għal faċilitajiet tat-trattament tal-iskart) (iii) irkupru ta' materjali, enerġija u produzzjoni ta' kompost (spiża evitata ta' produzzjoni/ġenerazzjoni alternattiva, inklużi l-esternalitajiet) (iv) tnaqqis tal-emissjonijiet GHG (i.e. CO_2, CH_4) (v) tnaqqis ta' oġġetti ingombranti, storbju u rwejjaħ
Enerġija	*Proġetti ta' Effiċjenza fl-Enerġija* (i) iffrankar ta' enerġija (espress bil-valur ekonomiku tal-enerġija inklużi l-esternalitajiet) (ii) żieda fil-kumdità (iii) tnaqqis tal-emissjonijiet GHG u emissjonijiet mhux GHG *Proġetti ta' Sorsi ta' Enerġija Rinnovabbli* (i) tnaqqis tal-ispejjeż tal-enerġija għas-sostituzzjoni tas-sors ta' enerġija eż. bl-ispostament ta' alternattivi tal-fjuwils fossili (espress bil-valur ekonomiku tal-enerġija ġġenerata permezz tal-alternattiva spostata probabbli, inklużi l-esternalitajiet) (ii) tnaqqis tal-emissjonijiet GHG *Grilji u infrastruttura tal-elettriku/gass* (i) żieda u diversifikazzjoni fil-provvista tal-enerġija (valur tal-gass/elettriku inkrementali pprovdut, inklużi l-esternalitajiet) (ii) żieda fis-sigurtà u fl-affidabilità tal-provvista tal-enerġija (tnaqqis fl-interruzzjonijiet tal-provvista) (iii) tnaqqis tal-ispejjeż tal-enerġija għas-sostituzzjoni tas-sorsi tal-enerġija (iv) integrazzjoni tas-suq: varjazzjoni fil-produzzjoni żejda li tirriżulta minn effetti ta' allinjament tal-prezz f'postijiet (għal trażmissjoni) jew żmien (għall-ħażna) (v) titjib fl-effiċjenza tal-enerġija (vi) tnaqqis tal-emissjonijiet GHG u emmissjonijiet mhux GHG
It-Toroq, il-Ferroviji, it-Trasport Pubbliku	(i) tnaqqis fl-ispejjeż ġeneralizzati (għall-moviment ta' oġġetti/persuni): — iffrankar tal-ħin — iffrankar fl-ispejjeż tal-operat tal-vetturi (ii) iffrankar ta' inċidenti (iii) tnaqqis tal-emissjonijiet GHG (iv) tnaqqis tal-emissjonijiet mhux GHG (jiġifieri impatti tat-tniġġis tal-arja lokali) (v) tnaqqis tal-emissjonijiet ta' storbju (eż. xi proġetti urbani)

Settur/Subsettur	Benefiċċji ekonomiċi
Ajruporti, Portijiet tal-Baħar, Intermodali	(i) tnaqqis fl-ispejjeż ġeneralizzati (għall-moviment ta' oġġetti/persuni) — iffrankar tal-ħin — iffrankar fl-ispejjeż tal-operat tal-vetturi (ii) titjib fil-kwalità tas-servizz (eż. il-provvista ta' "contact gates" tal-ajruporti) (iii) tnaqqis tal-emissjonijiet GHG (iv) tnaqqis tal-emissjonijiet mhux GHG (v) it-tnaqqis ta' emissjonijiet tal-ħoss
Riċerka u innovazzjoni:	(i) benefiċċji għan-negożji (stabbiliment ta' spin-off u start-ups, żvilupp ta' prodotti u proċessi ġodda/imtejba; spillovers tal-għarfien) (ii) benefiċċji għar-riċerkaturi u l-istudenti (riċerka ġdida, taħriġ tal-kapital uman, żvilupp tal-kapital soċjali) (iii) benefiċċji għall-pubbliku ġenerali (tnaqqis tar-riskji ambjentali, tnaqqis tar-riskji tas-saħħa, effetti kulturali għal viżitaturi
Il-Broadband	(i) Żieda fit-teħid u kwalità mtejba ta' servizzi diġitali, inkluż il-kummerċ elettroniku, għaċ-ċittadini u n-negozji (speċjalment f'żoni rurali); (ii) Żieda fit-teħid u kwalità mtejba ta' servizzi diġitali, inklużi l-gvern elettroniku u saħħa elettronika, għall-amministrazzjoni pubblika.

2.3.3. *Il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih fl-analiżi ekonomika*

Is-CBA irid jieħu inkonsiderazzjoni l-ispejjeż u l-benefiċċji tal-proġett fil-kuntest tal-emissjonijiet tal-Gassijiet Serra u t-tibdil fil-klima. Il-kwantifikazzjoni tal-emissjonijiet tal-Gassijiet Serra tal-proġett u l-istima tal-ispiża ekonomika tal-emissjonijiet tal-karbonju (jew CO2) użata sabiex jiġu vvalutati fi flus l-esternalitajiet ta' tali emissjonijiet għandhom ikunu bbażati fuq metodoloġija trasparenti konformi mal-objettivi tad-dekarbonizzazzjoni tal-UE 2050. Rigward l-adattament għall-klima, l-ispejjeż tal-miżuri mmirati sabiex itejbu r-reżiljenza tal-proġett għall-impatti tat-tibdil fil-klima li huma debitament ġustifikati fl-istudji ta' fattibilità għandhom jiġu inklużi fl-analiżi ekonomika. Il-benefiċċji ta' dawn il-miżuri, eż. miżuri meħuda sabiex jillimitaw l-emissjonijiet GHG jew sabiex itejbu r-reżiljenza għat-tibdil fil-klima u l-estremitajiet tat-temp u diżastri naturali oħrajn, għandhom ukoll jiġu vvalutati u inklużi fl-analiżi ekonomika, jekk jista' jkun ikkwantifikati, inkella għandhom jiġu deskritti b'mod xieraq.

2.3.4. *Analiżi ekonomika simplifikata f'każi speċjali*

